


PERIODICU AGRICOLU-INDUSTRIALI

*MINGHAIR PARTIT—Mimli d'kari onest ghall'idejn cullhatt.*

MAHRUG MIN

**The Chilean Nitrate Committee, 53, Strada San Vincenzo, Sliema, Malta.**

**Editur u Direttur Onorariu C. ZAMMIT MARMARÀ F.R.H.S.**

Vol. I. No. 6 — Circulazioni 7,000 Copia




Mindu ħareġ l-aħħar numru tal "Il Bidui" sal-lum, ħatt piacir nicteb lil numru cbir ta ħbieb tieghi – bdieua u delettanti—fuk affarijet agricoli ta pajjisna u fuk affarijet oħra li jirriguardau lil Biedia u lil Bdieua. Mita nati dakka t'ghain min mindu fettili noħrog ghall'euuel darba dan il periodicu sal giurnata tallum, ma nistax ma niddichiarax, u bil piacir, li il biedia f'pajjisna ghamlet progress, u progress xejn inkas sar fil bdieua stess li fl'aħħar fehemugha li attenzioni fs-sena taħħom tisua lilhom biss. Dana jidher mill'ittri li jen stess irceveit, mictuba mill'istess bdieua jeu min uliedhom. M'ghandniex xi nghaidu, ghad hemm bdieua li f'loc jifthu ghaineihom kghedin jgħalkuhom, izda lil daun naħsiba darbtejn ghandix inseiħilhom bdieua.

Nimxu, nimxu il kuddiem bdieua ħuti. Il-lum il-giurnata, bħal ma kal scrittur gharef fuk il-letteratura immaginaria, "*il bniedem jinħtieġ jigri b'ħiltu collha biex izomm il post li fieh icun f'din id-dinja u mita il bniedem, jeu ghax ma jakrax, jeu ghax ma jistudiax, jeu ghax billi icun imħabbat, ma jghamilx ħiltu collha biex izomm postu, dan uara ftit isib li m'hux biss m'ghadux fein chien, izda li tbighad tantu li quasi iħoss ruħu uaħdu imbighad f'lorizzont.*"

X'hemm fid-dinja il-lum li baka' chif chien il bieraħ? Xejn! Propriu xejn!!

F'it-tmiem tal "Guerra il Cbira" mita li scarsezza tal carta spicciat,

u'l cotba bdeu johorgiu bl'abbundanza fuk din jeu dic il materja, ifissru it-taħuid u't-tibdil ta bosta ħuejjeg li bdeu isiru mad-dinja collha, aħna bdeina nixtru u minnhom nakrau chemm nistghu. Izda kabel chien icolna zmien nispicciau ctieb uieħed, comna nakrau fuk dan jeu dac il giurnal l'invenzionijet giodda li bdeu isiru: l'invenzioni meraviljusa tar-radio li permezz taħħa tisma min gio darec stess, f'camartec stess, l'isbaħ operi, cuncerti u ħuejjeg oħra li icunu isiru f'teatri ta pajjisi oħra eluf ta mili boghod minnha; il giri bil chemm jituemmen — ta l'airuplani; il curi meraviljusi u l'usu ta strumenti giodda ghal cura tal mard, u bosta u bosta ħuejjeg oħra uisk numerusi biex uieħed isemmihom haunecc.

B'is-saħħa ta bosta nies xienzati cbar, il bidia imxiet il kuddiem seuua u mit-tmiem tal guerra l'haun ghamlet progress cbir—b'eccezioni ta Malta, li ghalchemm ghamlet progress ucoll izda dan hu uisk zgheir m ta tippagunaħ ma dac li sar f'pajjisi oħra.

Il ghala aħna, bdieua Maltin u Ghaudxin m'ghanniex nghamlu progress daks chemm ghamlu bdieua ta pajjisi oħra? X'inhu li kghed izommna milli nimxu il kuddiem? Xejn ħlief aħna stess. Sibna min jghallimna sibna min jakbes ghalina, jech ma nemmnux dac li jghaidu-na, EJJA GHALL'INKAS NIPPRUVAU U NARAU IL VERITA'.

Akrau ftit l'ittri li jidru f'cull numru tal bidui, akra l'ittri li già deheru mictuba min bdieua u delettanti, *minghair ma tlabnihom aħna*, ghara x'jghaidu huma fuk il famus demel artificiali NITRAT TAS-SODA TAC-CHILI inti tista tipprova bħalhom u tara chif uara tghaid bħalhom ucoll!

Malta u Ghaudex tal bieraħ bil mod il mod jispicciau u isiru Malta u Ghaudex giodda. Il bidui intelligenti jibda jifhem li fil kabda tal imghazka tiegheu hemm xienza, hemm gherf, li mita jintghakdu mal prattica ifissru ghana; ghana ghal bidui u ghal pajjis!

Il bidui mghandux jimla rasu bil ħajja tal bliet. F'pajjisi cbar min cull xorta ta xoghol kieghed isir biex icabbru l'interess tal bdieua fl'irħula stess taħħom; m'hux lè biex izommu il bidui fil ghama, bħal ma jghaidu il boloħ, izda ghal cuntraru biex juruħ il gmiel tas-sengha tieghu, biex jghalmuħ il chif u il ghala is-sir it-tali u't-tali ħagia, u b'hecc jghainuħ jistghana. Il bidui li ifittex li icun jaf izied fuk il biedia, li jitghallem xi jghaidu l'orrief tal-lum fuk is-sena tiegheu hù il *veru bidui*, li pajjisu ghandu ibaxxi rasu lejħ bħala kima.

---

## CHIF GHANDA ISSIR L'GHAZLA TAZ-ZRIERAH.

Hu interess ta cull bidui li jigbor zerrigha taiba. Il ghazla taz-zerrigha trid studiu u ghakal cbir biex il qualità tal prodott li tcun ticcultiva tibka taiba. Biex tghamel dan m'ghandecx bzonn ħlief ftit taz-zmien, u jokghod zgur il bidui li ta dan il ftit zmien ghal ghazla taz-zerrigha icollu klieħ cbir.

L'ghazla tal kamħ issir billi uieħed jghazel l'isbaħ zbul li icun mela tajjeb mill'ahjar pianti u l'izied b'saħħithom. Zomm il parti tan-nofs ta li zbula u scarta il

parti ta fuk tat-tarf, u il parti ta taht li generalment jghatu prodott inkas sabieh. Il kamh li jinghazel b'dal mod jinzara f'kasam ghalieh fi trab tajjeb; u mil prodott li jati targia issir ghazla ohra chif gia ghedna u il cumplament jinzara bhas-soltu; u tcompli tghamel ghazla hecc cull sena. Biex icolloc kamh ta ghamla uahda u biex ma icollocx prodott imhallat bhal ma spiss narau fir-raba, hemm bzonn li tghazel iz zbul collha ta li stess ghamla.

L'Ghazla tax-Xgheir u tal Kamh-ir-rum, issir b'listess mod.

L'Ghazla tal Ful issir billi uiehed jghazel l'imzieued l'izied tual u l'izied mimlija li icunu l'izied l'isfel u l'euuel ma isiru, u hecc uiehed jehu razza ghammiela hafna u bicrija. Biex il qualità ta Ful li tcun trid ticcoltiva tibka dejjem li stess, hemm bzonn li tiscarta il pianti li ibiddlu l'ghamla u ma tihux zerrigha minnhom. B'li stess mod tghazel iz-zerrigha tal Piselli u'l legumi l'ohra.

L'Ghazla tal Koton issir billi uiehed jghazel l'euuel geuziet min pianti b'sahhithom biex il qualità tibka bicrija. Imbghad ghandec tghokod attent li tghazel il geuziet ta l'ahjar forma, u li il hiut tahhom icunu l'izied bojjod u tual.

L'Ghazla tal Chemmun issir billi uiehed jghazel l'actar pianti sbieh u bicrin, bi frott mimli u lixx ghal collox u minghair ebda difett.

L'Ghazla tal Basal issir billi uiehed ihauuel fil harifa basal l'actar sabieh u imuahhar tal qualità li icun irid jiccoltiva u minnhom jigbor iz-zerrigha li icollu bzonn. Fein jigiu ic-cultivati hafna qualità, hu uisk mehtieg li cull qualità tithauuel boghod mill'ohra biex ma tiddaccarx. Fl'ghazla tal basal hu dejjem tajeb li jigiu scartati dauc li icunu ghamlu il fiur l'euuel sena, anchi jecc il basla tcun sabiha u formata tajjeb.

L'Ghazla tal bettieh u tad-dullieh issir billi uiehed izomm l'euuel frott fost dauc li icollhom l'ahjar forma u li icunu tal qualità li uiehed icun irid jiccoltiva u ghokod attent li ma izzomx zerrigha min pianti li icollhom fil vicin pianti ta dullieh u bettieh ta qualità ohra, biex jevita li ma jiddaccrux.

Il Kargha u l Hiar jinghazlu bl'istess mod.

L'Ghazla tal Brungiel u tal Bzar issir billi uiehed izomm l'euuel frott li tghamel il pianta li icun minghair difett u thallihom isiru seuua kabel ma taktahhom.

It tadam jinghazel billi iz-zomm l'euuel frott li il cobor, forma u culur, johrog scond il qualità li tcun ticcoltiva. Iz-zerrigha tattadam mil frott li icun ghadu ma sajjarx tati pianti generalment uisk bicrin, imma il frott johrog zgheir.

Il qualità tal Brungiel u tal Bzar jiddaccru malair uisk, ghal dakstant h mm bzonn tghokod attent mita tigbor izzerrigha, specialment mita tghazel iz-zerrigha tal bzar helu hemm bzonn li ma tihux izzerrigha min pianti li icollhom vicin tahhom pianti ta bzar li jahrak, ghax daun jistghu jiddaccru permezz ta l'insetti.

L'ghazla tal Pastard u tal Broccli issir billi tghazel l'ahiar pianti li icollhom kalba sabieha. Daun thallihom jaghmlu il fiur u filuakt li icunu bil fiur mghandomx icollhom vicin tahhom pianti ohra bil fiur tal Gidra u tal Cabocci, ma tcunx tista tevita li ma jiddaccrux, u hecc iz-zerrigha tati prodott mill'aghar b'dannu cbir ghal bidui. Anchi mita daun il pianti icunu fil boghod, icun ahiar li uiehed jghatti il pianta li tcun bil fiur b'biccia musulina biex tghaddi l'aria u id-daul, u l'insetti ma icunux jistghou jidhlu.

Biex il qualità tal Pastard tibka li stess tghazel il pianti l'izied bichrin ghal qualità li icunu l'izied bichrija u'l pianti l'izied imuahhrin ghal qualità l'izied imuahhra li isairu fir-rebbigha. Ghal qualitajjet l'ohra icun ahjar li il pianti bichrin u'l pianti imuahhrin jigiu evitati biex il qualita li trid izzomm ma tigix izied bicrija jeu izied imuahhra.

Il cabocci taz-zocc tintghazel b'li stess mod u f'dal cas tista tigbor iz-zerrigha tant mil fiuri li johorgiu mit-tarf chemm ucoll mill fiuri li johorgiu mir-rimi ta mazzocc.

Biex tghein lil pianta issebbel tghamel katgha zgheira, izda mita tiehu iz-zerrigha mir-rimi ta maz-zocc hemm bzonn li izzomm dauc li icunu l'ahjar formati u scond il qualità li tigi icc ultivata, u tghamel il katgha salib, b'mod li iggighel ir-rimia issebbel malair.

Iz-zerrigha tal cabocci tittiehed tant billi thalli il cabocca tghamel il fiur, chif ghed na, tghamilla katgha salib biex iggiaghla issebbel malair jeu inchella chif izied spiss isir, biex ma tinteliex il kalba, takta il kalba ghal consum u jinzamm iz-zocc biex jithauuel f'xi post ghalieh, fein malajr jarmi u ma idumx ma jaghmel il fiur. Ghanda tintghazel il cabocca li icollha il kalba formata tajjeb, l'izied sabieha u jebsa, u tevita dauc li icunu uisk bicrija jeu uisk imuahhra. Il fiuri tevitaghom li jiddaccru b'li stess mod li ghedna ghal Pastard.

Il Gidra tintghazel billi uiehed izomm l'isbah pianti u l'izied bicrija, gidra ciatta u uiesgha u li idumu ma jghamlu il fiur, daun ghandhom jithaulu ghalihom malli isebblu.

L'Ghazla tal Pitravi, Caroti, Ravanell, u tau-Neveu ecc., issir billi tghazel il pianti l'izied bicrija u l'izied sbieh li jiffurmau l'gherk l'izied malair u li dan icollhu il forma u il culur chif imiss, u li jithaulu ghalihom fein icunu iccultivati b'attenzioni u jibkghou hemm sachemm jghamlu il fiur u iz-zerrigha. Biex uiehed icollhu l'ahjar risultati ghandhom jintghazlu pianti li geu mizrugha f'li stagiun tahhom, jigifieri firrebbigha.

Il pianti ta cull qualità jigiu imhaulin cull qualità ghaliha u boghod min xulxin bix ma jiddaccrux.

L'Ghazla tal Hass issir billi jinghazlu l'ahjar pianti u thallighom jghamlu il fiur fil post. Cull qualità trid tcun boghod min qualità ohra biex ma tiddaccarx.

---

## IT-TIGIEG.

*It-tigieg livornisi.*

Minghair dubiu din l'ahjar razza ghal baid, u ghandu ragiun Frau-Sanna jghaitila "Ir-regina tar-razez ghal baid". D'irrazza ta tigieg hi uahda mill'izied rustica la issofri il bard l'inkas is-shana u tirresisti hafna it-tbiddil ta l'ghairu. L'ghamla tahha hi uisk sabieha, hafifa uisk u fuk ruhha. Izda ma tantc ndra bhal razez ohra fil gheluk. Thobb tiggerra tfittex l'ichel fil ghelieki u gionna, u ghal daksheec hi razza izied xierka gharrziezet.

Min d'ir-razza jinsabu gherba tipi: l'Americana, l'Inglisa, Tedesca u Taliana, collha mghazula mit-tip taljan, u dejjem gejja izied il kuddiem permezz tax-xoghol continuu tal ghazil li isir f'bosta stabilimenti taliani tat tigieg.

Jinsabu hafna varietaijet: baida, indurata (imseiha ucoll *pernici*) seuda, hamra, safra, argentata, griza irmied, safra scura; l'euuel tlieta li semmeina huma l'izied imxerda.

It-tigiega livornisa, taghmel bejn uiehed u iehor 200 baida fis-sena. B'ghazla taiba jista uiehed icollu tigieg li jistghu jatuh fis-sena 230, 240 u anchi izied min 250 baida, li jiznu cull baida circa 50 gramma.

Difatti f'concors li sar fl'Australia ftit ta zmien hilu gie mghoti l'ahjar premju ghal sitt tigigiet "*Leghorn*" (livornisi) li, hagia tal ghageb tau f'sena 1,548 baida, li ifissru 258 baida ghall cull tigiega. M'hux ghalxein mela d'ir-razza imseiha "*Ir-regina tar-razez ghal baid*".

Ahna li haun Malta ghandna ix-xorti li ghandna d'ir-razza livornisa, ghandna niccultivaugha tajjeb u nghazluha deijem ghax nistghu niehdu minnha baid izied mir-razez ohra.

*It-tigiega "Ancona"*

Din hi razza ohra sabieha taliana, stmata hafna fl'Inghilterra, fl'America tan-Nord u fi Spania.

Din ir-razza hi uisk b'sahhita, ghammiela u ticber malair. Bhar-razza *Livornisa* thobb il uisgha fein tiggierra u taddatta ruhha ghal climi differenti u ghal cull'ichel izda issofri mishana cbira u ghalecc hemm bzonn li fis-saif tinzamm x'imchien taht is-sigiar biex icolla ftit tad-dell u l'art tcun frisca.

Il laham tat-tigieg "Ancona" hu tajjeb uisk. Cull tigiega ta din ir-razza tbid bejn uiehed u ihor ma tul is-sena min 190 sa mitein baida. Il pis ta

cull tiġieġa jaghmel fuk tliet tartal u nofs.

Dir-razza ta min jiccultivgha ucoll izda hemm bzonn li, bhar-razza *Livornisa*, tigi iccultivata seu u mghazula tajjeb u jigu cull darba scartati dauc it-tiġieġ li ma johorgiux perfetti.

*It-tiġieġa* "*Amburgu.*"

Din ir-razza sabieħa uisk. Ghad li l'isem hu Germanis, pajjisa hu l'Inghilterra. Ghanda ghamla u rix sabieħ ħafna, u fost collox ghammiela uisk u ghalecc hia considerata bħala uaħda mill'aħiar razez ghal baid.

Hi b'saħħita, ħafifa, u ticber malair. Il flieles malair jilbsu ucoll. Bħar-razez "*Livornisi*" u "*Ancona*" din ir-razza ma tħobbx l'gheluk izda trid tiggerra fl'ghelieki biex issib id-dud, ħniex ecc, li tħobbhom uisk.

Il laħam tat-tiġieġa "Amburgu" tajjeb uisk, imma il pis tat-tiġieġa uisk rari biex igib ictar min ratal u quart, u isserduk ma jizinx izied min ratal u nofs.

It-tiġieġa "Amburgu" tbid ma tul issena min 203 sa 210 baida, izda il baid zgheir, izda hu compensat billi ghandu l'isfar cbir u ta tghoma taiba.

Min din ir-razza hemm daun il varietaijet:—seuda, baida, indurata, argentata, indurata bli strixxi u argentata bli strixxi.

It-tigieg suued ta din ir-razza jiznu izied mil varietaijet l'oħra u huma izied ghammiela u ictar b'saħħithom. Uaraihom jigu ghal quantità tal baid iz-zeug varietaijet: l'indurata bli strixxi, u l'argentata bli strixxi.

---

## *LILL KARREJJA TAGHNA*

—

Imfħabba in-nukkas tal uisgha, chelna inħallu barra id-dialogu f'Sant Anton u xi oħrain li solitu ingibu.




30 ta Jannar 1929
Sda Marsalforno
C. Caccia—Gozo.

Sur C. Zammit Marmarà

Ghandi narfech li is-sena li addiet (1928) cont zrait xcora patata tas-saif, u irraccolta taħħa chienet tajba tasseu, l'ghaliex zrait (127) ratal patata, u gbart (1500) ratal patata, geuua ir-raħal tax-Xghara l'ebda raccolta ma saret tajba bħal tighi, il girien colla chienu jokodu iħarsu u jitaxku bil gmiel tal fax-xina taħħa, u chienu jgheiduli din x'amiltila chemm hi sabieħa ghaliex il patata li zrau huma inħarket u spicciat ghal collox, ghaliex inti taf li is-sena li ghaddiet dic il chiefra marda tal ħruk chemm ħacmet fuk Ghaudex jena cont neidilom bil coltivazzioni li ghamiltila, il coltivazzioni chienet din:

Tmien tijem uara li zrajta tajta tliet uizniet nitrat tas-soda maħħa colla, imbghat x'ħin chibret xi ħames tisuaba ergait taita tliet uizniet nitrat tas-soda oħra, u tajta ucoll ħames darbiet cupru min meta nibtet sa ħmistax kabel klajta.

Issa daun il girien din is-sena iriduni nieħdilhom ħsieb il coltivazzioni tal patata taħħom ghaliex jena ghandi il pompa ucoll ghal cupru.

Inselli ghalic ħafna, jena isserv umili ubbidient tighec.

Francesco Masini
No 88 Sda Marsalforno
C. Caccia Gozo.

***

Sur Direttur

Jena usait iddemel artificiali ipprovajtu fil patata is-sena l'oħra bħal daż-żmien chienet bila li nibdtet xi 15 il giurnata.

Xi 3 kasab quadru tajthom ma duar quart, katt ma cont nobsor bieħ, kaghadt at-

tent li nghati cullimchien xorta uahda daks kattillu bghod miz-zocc, ghax fejn imiss maz-zocc jinxef dac il hin tant chemm hua kauui, u din il patata kiesu xhettila il manna chemm chibret, u *fejn taj: minnhu ghamlet 3 darbiet actar mill'ohra,* issa halli neghidlec, is-sena li ghaddiet, forsi chien haun min ghergher mid-demel artificiaali imma m'hux ghax m'hux tajjeb, *ghax ma jafux jatuh,* chien haun min ghazak u ferxu bhal ta Malta, imma m'hux hecc irid, trid tferxu fil uicc meta il patata tcun nibdtet ahiar, imma trid tokghod attent li ma tathiex krib iż-żocc bosta ghax taharku.

In-nitrat tas-soda ipprovajtu fix-xitel tal pastard, tajt mimli marfa ma cull 4 galluni tajtu min taht il uerak, ghax jecc imiss mal uerak imut u meta jasal ghattahuil, trid thallieh xi 10 granet mattishx ghax hemm jitgharra, ma jahbatx thallieh ftit biex jixraf.

Ghal-lum biżżejjed.

Jena habib tighec
CARMELO SCEMBRI
Detto Furnar
Sda 2da Ramia
No 34 Siggieui.

—

*N. B.*

In-nitratt tas-soda, bhal ma fisirt bosta drabi ghandu jintghata *fil uicc,* u mghandux jintghazak. Bhal ma kal f'din l'ittra habibna Carmnu, x'uhud li ippruvauh ghall'euuel darba is sena l'ohra, ghazkuh *anchi xibrejn taht. Dan hu' zball. In-Nitrat jintghata* BISS *fil uicc* hu uahdu jinzel ghall'gheruk.

Nota tad-Direttur.

*
* *

Ghazis habib

Jena sejjer nictiblec din littra biex nuri chem gid jghamel in-Nitrat tas Soda.

Jena krait il "Bidui" li inti bghatli u sipt chem gid jghamel in-Nitrat tas-Soda.

Jen bdeit neghid lil missieri biex juzah, hua kalli dac collu xol mitluf, u bdeit neidlu illum, neidlu ghada, u neidlu pitada u sa flahhar kalli minghant min jinxtara u ghetlu. Dis-sena imur jixtri, u demmel l'alka bin-Nitrat tas-Soda.

Sa issa ghanna patata mill'isbah u tant hi b'sahhita jen nisimghu jighed li jipka juzah ghax tajjeb uisk al prodotti u as-sigar.

Chiecu il bdiua collha idemlu l'alka tahhom bin-Nitrat tas-Soda ichollom prodott uisk akua.

Il habib tighech
GIO MARIA BORG.

*
* *

Sur Editur,

Ghandec ragun biex dbieh meta inti dejjem tuissi u tfihem tajjeb, chem uiehed ghandu bzon ihaddem mohhu biex jati seuua dac collu li titlob il biedja.

Izda bosta drabi icun biz-zejjed ftit tal hsieb jeu neiduha ahjar, ftit tal melh f'moh dac l'icun u ftit tas-sens comun.

Ftit ilu, conna tlieta keghdin nithadtu, u lil uiehed l'ihob il fiuri, stakseitu ech: Ma taktax liema hu l'ahjar demel? - In-Nitrat tas-soda! Collox seuua, dac hua artificiali, izda liema hu mill'ahjar demel naturali?— Eh! issa ma nafx; gheidli liema hu! Ha uisk piacir meta ghedtlu, li hua id-demel tal friefet il-lejl, li jingabar ghal bosta min go l'gherien, u jimbieh fil boros biex b'cura cbira jicultivau il fiuri li tant jisuau flus lil veru delettant.

Izda l'iehor uara ftit kal: U va, jena chelli sigra tal bzar u raita dakxein marida taita ftit nitrat tas-soda, u minfloch li giet il kuddiem, mietet u nixfet uara xi erba tijem. Imma jena stakseitu chem uza uitrat, u kalli li dac l'iddobba ferxu collu, u dan chien xi mimli nofs sieh Ghamilt hazin edtlu jen, ghax katt ma chien imissek tati dac collu f'salt uiehed. Dac trid tkassmu u ittieh ftit ftit *chif titlob il * biedja,* u f'certu zmienijet biss. Biex bniedem iliex uara marda, hemm bzon li jiehu collox bil kies u fil hin, imbghad halli isir l'isir.

Haun ohrain imbghad, li jekirdu huma stess cull ma icolhom, ghax isakku spiss. Jahsbu, li ix-xitla jeu sigra, izjed tis-sahah u ticber malair. F'collox hemm bżonn tal kies. Tasseu li il marid ghandu bżonn tas-sustanzi, izda collox bil hin u bil kies, ghax inchella jigrilu bhatigiega li inkasmitila il hausla. *In-niekes fl'ichel ma jaghmel*

*ħsara katt, izda iz-zejjed imarrad u joktol;* u dan jista jixhdu l'izjed bniedem b'saħtu. Listess ħagia jigri bix-xtili u lis-sigiar, ghax actar ma uieħed jicol, izjed irid lħaddem lis-stoncu. Izda dan ghandu jaħdem bil kies, u m'hux izjed mil'imissu, ghax inchella igheja u jimrad.

*Iz zak cull ma it-tiha tieħu;* u ghalec lis-stoncu irid jara x'jaghmel. Icollu jaħdem chemm jiflaħ, ma ghandniex xi nghidu! Ix-xitla ma tittchellimx, u l'gheruk jerdghu chemm jistghu. X'jigri allura! Ix-xitla icollha tarmi màlair chemm jistà icun, iz-zejjed li tcun ħadet, u biex tghamel dan trid tkassam izjed min kabel iz-zejjed collu mal uerak, li huma iz truf taħħa. Ix-xemx taghmel taħħa u bis-sħana l'ilma, li joħrog bħal gharak, malair isir fuar. Dan isir dejjem, izda meta xitla tcun imsokija uisk, icollha tzonn tarmi mill'actar fiss iz-zejjed li jixorbu l'gheruk specialmeut meta ix-xitla ma tantc tara xemx.

*Uieħed ghandu isakki meta jinduna li l'art m'ghadiex umida u nidja.* Bosta drabi uieħed jibda jiccura xitla jeu sigra' meta jidhirlu li m'hix gejja il kuddien, izid jeu inakkas it-tiskija meta il marda tcun daħlet il geuua, minghair ma icun jaf. Ix-xitla imbghad tmut sgur. Drabi oħra icun collox ghal xein, ghax Alla bis icun jaf xi tcun il ħtija tal kirda taħħa.

*Izda uieħed ghandu jaghmel mill'aħjar dejjem biex Alla jgheinu,* ghax bosta drabi il biċċa il cbiru tal ħsara tigi min-nukkà ta taghlim, ta ghakal, ta ħidma, jeu ta ħsieb.

Ix-xitla l'icollha x'taghmel uisk, biex tneħħi iz-zejjed *"surplus"* li jixorbu l'gheruk, actarx dbati, tifga; titherra; u tmut f'kasir zmien. Is-sustanzi zeida ma tcunx tiflaħ ghalihom, tinħarak, dbati biex tgheix, u tinkered malajr. Collox fil ħin u fiz-zmien tieghu, biex collox icun regolari, u uieħed jista jinduna malajr jecc ghandux inakkas, jeu izid, minghair ma idihex ix-xitla, jeu is-sigra li tcun.

Taiba uisk dakxein tal ħsieb, ghax, dejjem chif jgheid il kaul Malti;

*" Ix-xemx u ix-xita Alla jaf meta"*
*"Min ma jaħsibiex jaghli."*

MARIO AGIUS
47. Sda, Preziosi, Casal, Lia.

(*) Ara " Il Bidui" Numru 5 Pagina 145.

25 ta Ottubru 1928.
Sda. S. Benedetta No 1
C. Chircop

Sur Direttur,

..........................................................................

..........................................................................

Il progress li ghamilli in-Nitrat tas-soda din is-sena ma nistax infissirlec. Specialment fuk ix-xitel tal ksari chien, huejjeġ tal ghageb verament.

FALZON CARMELO

*
* *

27 ta Ottubru 1928
57 Sda Reale B'cara
Malta.

Sur Editur

Ghandi ngharfec illi jena ghandi niesi quasi collha bir-raba u jena chemm stait ġaltom illi jipprovauh u huma sabuh tajjeb bħal ma sibtu jena. Fost l'oħrajn uieħed faħħarli chemm u taijeb uisk adduieli u ghal banana hua kalli li il gid li ghamillu f'dan iz zeug huejjeg hua cbar uisk, hua ghandu ġnien u il biccia il cbira mimli bid duieli u banana, hua kalli illi kabel ma chien kighed juza in-Nitrat tas-soda cull sena il gheneb chien il biccia il cbira jitħassar chemm ucoll il banana chienet tghamel gheniekiet singli uisk u ghal cuntrariu issa li beda juza in-Nitrat tas soda il gheneb collu żamm u il banana ghamlet frot sabieħ uisk.

Dejjem Is-serv tighec
GIUSEPPE GALEA

*
* *

14 ta Novembru 1628.

Sur Editur,

Isma din. Ftit ilu xtrajt daks zeuġ libbri nitrat tas-soda mill Belt u'l daun erfajthom fuk xcaffa, biex bihom nokghod naghmel il provi l'haun u l'hemm ghand xi bdieua ħbieb tighi, b'mod l'immur ghandhom nipprova kuddiemom u b'hecc jidrau jarauħ, infemhom mnein jinxtara u chif jintuza mill'aħjar li naf. B'daksbecc nghallem u nitghallem jen; u fli stess ħin li nieħu piacir ghax inħoss li nissodisfa uaħda min-na-

muri li ghandi, nifhem l'incun naghmel xi gid.

Mela fix-xahar ta Novembru li ħareg sibt ruħi ftit imlaħlaħ, jigifieri ma tantx chelli x'naghmel u ħoc li mort kaghadt inpaċpaċ f'xi Caffè, kbadt ukitejn minn dan in nitrat tas-soda u tlakt ghal ɛaħħiet il Marsa, fein sibt ruħi taħt ir-riħ ta Hal-Farruġ, ħdein l'Imghieret, li jigi bejn Hal-Luka u Hal-Kormi, u f'dac il baħar ta raba ilmaħt il uieħed jakleb ir-raba (il banchi) biz-zappun: chien Peppi, bidui min Hal-Kormi, ħabib tighi, li xi xaɛar kabel cont mort sa hdeih u tlabtu jippermettili nesperimenta xi żrieraħ f'xi rchejjen tar-raba tieghu, li dan m'hux biss ippermettieli, imma offrieli l'ımkar ghalka sħieħa nista nuża b'mod li fiha naghmel provi chem irrjd! Fein tafu chemm huma rgiel seuua galantomi u minn taghna il biċċa il cbira tal bdieua, fein daun ma jitħassrux bil malizzia ta li bliet!

— X'giebec l'hau, Giuann? — staksieni hecc chif rani.

— Giebni id-demel, ghadilli lid-demel gibtu mieghi jen!

— Dejjem b'xi hagia stramba int! Ghidli geit tara dic il ħammiela li żrait? Telghet ġmiela! Nakkajthielec, tafx.

— Gejt naraha, Pepp, u fil stess ħin geit naghmillec prova.

— Jakau?!

— Ara Pepp: gibli landa tal petroliu, u imlieha bl'ilma.

— Isbaħ din — u Peppi mar gieb landa tal petroliu mid-duejra, mlieħa bl'ilma u giè. Jen ftaħt dakxejn ta carta.

— Dac x'inhu Giuann? dac melh li nieclu?

— Lé, Pepp: jixbħu iva, imma dan hu dac l'ighidulu Nitrat tas-Soda; katt smait biħ? jigifieri demel artificiali, ll insab fic-Cili u m'hux li jingiabar minn taħt il bhejjem.

Peppi, mal chelma *demel*, li id-demel f'moħħ u ghajnejn il bdieua taghna irid icun bil fors xi ħagia bħal gozz raut tal bakar imħallat ma tiben imħerri, ħaxix nie-xef, trab isued, carti, ċraret u ħmieġ ieħor, iva, mal chelma *demel* staghgeb u berrak ghajnejh

— Chif, dac demel? — b'daħka karsa staksieni.

— Iva, Pepp: dac hua demel li fih sustanza uisk u uisk izied mid demel tal bhejjem; u barra mn'hecc fih uaħda mit-tlieta jeu erba' sustanzi li tinħtieġ l'art taghna; jigifieri dac li l'ghorrief isejħulu *nitrogenu* li hua niekes uisk mill'art taghna, u bih is-sigiar specialment, ta din l'art, jicbru u jaghmlu bis-sħiħ.

U x'chelli nara u x'chelli nisma! — beda iberrak u ighedued Peppi.

— Ara Pepp; issa dan li hua ukitejn, sejnitfghu f'din il landa tal petroliu u inħaudu.

— U issa x'sejjer taghmel izjed?

Pepp: ħares lejja, ismaghni u ifihimni. Haun ghandec ħmiemel tal basal: hemmecc ghandec cromb (gidra) imxittel (imħauuel) u li l'hemm iżjed ghandec is-sigiar tal patata li digià quasi ghamlu l'ghankud. Issa sejjer nieħu quart tal ħammiela tal basal ghalija, nieħodloc erbgha xitliet tal gidra u tnejn tal patata, daun kisom mitlufin ghalic, kisec taithomli, jeu jecc ngharrakhom tcun ħtija tighei u ghalhecc inħallashomloc.

— U ghamel l'affari tieghec u ħallic mil ħlâs!

Sibt bott kuddiemi, bdeit nimlieħ u nitfa fil uaħda mill'erba tal ħammiela tal basal, imbghad ħaffirt canal żgheir b'żeuġ tisuaba ma duar is-siġriar tal ġidra u tal patata, tait fihom l'ilma bin-nitrat, u uara ftit ghatteit-hom; u Peppi, bil "x'chelli nara u x'chelli nisma fi żmieni" beda u b'din il ħelua frasi spiccia!

— U issa b'hecc Giuann, x'jiġri?

— Issa, issa stess, dauc is-siġiar jeu xtieli jixorbu (is-sustanza ta) dac id-demel artificiali, u nisperau li fi ftit granet int stess tara id-differenza li tghaddi bejn dauc li msokkijin bin-nitrat u bejn dauc li ma humiex. U imbghad il patata tal prova tcun cull uaħda daks laringia, il basal daks scutella tal cafè, u il gidra daks balla ta canun.

— U x'chelli nisma u x'chelli nara! Issa kighed nifhem ghaliex Giorg ta Hal-Luka uiċċ il patata ta dis-sena salvaħ!

Chif inhi din, Pepp? ghidhieli.

— Il Giorġ Culajru ta Hal-Luka, bidui tat-tajjeb, ragel m'hauz bħalu, jen u xi erba bdieua oħra bħalu, conna nokghodu

narauħ ibexxex bl'ilma mħallat b'xi ħagia li ma nafux x'inhi, u bejnietna conna nokghodu nghidu "U issa dan m'hux żmien mitluf? Ua fuk Alla hemm xi ħadd? m'hux l'irid hu jaghmel?" u, balleċ, taf li cull-fejn sakka b'dac żammlu bla ma tħassarlu xejn u ħa cull patata daksiex, u taghna, u ta ma duarna collha marret, jigifieri il patata collha tħassret?! Issa dan Giorġ bghat igib il macni l'ibixxu uehedhom, ghax jista; u smajt li anchi ta Mona ucoll sejrin igibu daun il macni ghal bexx.

— Rajtx! Issa, Pepp, ifhem; meta dac li nghidulu taħsir il uerak jinxef, dac icun certu tnibbit ta mard bħal pianta parassita b'mod li ma narauħx bl'ghajnejn, u l'ghorrief ise ħulu *fungu,* u daun l'ghorrief b'certa tromba isejħulha *microscopiu.* Allura dac li taraħ b'ghainejc inxief icunu dauc ix-xniexe li jgheixu gio li stess faxxina isoffu il uerak u irodduħ niexef mejjet, li aħna ma naraux ħlief inxief, u hecc tinkered is-siġra bil frott taħħa. Dac l'ibixxu, jeu aħjar li bexx Culajru hua velenu ghaż-żerrigha ta dic il marda, u fli stess ħin jati is-saħħa lis-siġra u lil frott. Fhimt?

— U x'chelli nara u x'chelli nisma! Seuua chien ighid, Alla itiħ il Genna, Dun Bert (?) il ħal-luki, li chien jitlob f'daun l'inħau, u chien ragel kaddis. Chien jigi l'haun, chien jakla sħiħ, u uara li jecol chien jati collox lil ifkar minnu. Intant chien jokghod jippassiggia u dlonc igheid uaħda f'uaħda b'leħen gholi "Vapuri fl'ajru u vapuri taħt il ħaħar". Dan cliemu chien biss; u balleċ uasalna f'dac iż-żmien li chien iħabbar hu! Ghalhecc ma tantx chiecu icolli ħajra nistaghgeb uisk b'dan li kieghed tghidli u turini; jigifieri bid-demel li donnu melħ milli nieclu.

— Dan li kieghed issemmi x'jismu Pepp?

— Ma nafx; ilsieni ma idurx ghaliħ! Jen sirt nirsa uisk.

— Pep, jen sejjer. Issa, darb'oħra nigi biex narau l'effett l'isir f'dac li sakkejna illum. Saħħa.

— Iva, u jecc jigi tajjeb gibu fil giurnal. Saħħa, ħej!

JUANN MAMO.

Migiub bil Malti mil ctieb "Freshwater" ta' Bateman u *Maħrug mill'ufficciu tal Biedia.*

## Il-Ghamliet u it-trobbija Tal-ħut tal-Vaschi (Carassius auratus).

Ilhu izied minn ħamsin sena li l'Inglizi bdeu jinteressau ruħhom fil ħut tal vaschi u naturalisti bħas-Sur P. H. Gosse, is-Sur Saville Kent, Dr Ward, is Sur R. Warrington, Dr. Lankester u oħrajn ghamlu ħafna sabiex raumuhom f'pajjiżhom, tant illi f'bosta mill'ibliet importanti ta' l'Ingilterra saru accuarji cbar u sbieħ ghall'ghaxka u taghlim tal publicu. Izda il-lum il giurnata, min izur daun l'accuarji jittendi illi nakas uisk l'interess tal publicu fihom ghalchemm, fl'istess ħin l'interess fl'Istorja Naturali kieghed jizdied cull ma imur. Forsi il publicu actar jieħu piacir meta l'annimali irabbuhom hu milli meta jrabbuhomlu u jżommuhomlu.

Ghalchemm ma ilniex izied minn ħamsin sena li sirna nafu bl'accuarji u nieħdu interess fihom, ic Ciniżi u l'Giappunizi cbellom bila jżommu u jirabbu il ħut fil vaschi sa minn mijiet ta' snin ilhu.

Jinghad illi, il-lum, fic Cina cull dar ghanda accuarju bi tnejn jeu tliet ħutiet. Izda dan il ħut muhiex minn dauc il qualitajiet comuni li narau haun, izda ħut imżeuuak ta' ghamliet sbieħ u straordinarji u ta' l'actar culuri ileħxu. Haun biss sa ftit illhu illi ħut sabiħ mic-Cina u l'Giappun beda jingieb fil pajjiz taghna.

Ft-trobbija ta' dan il ħut ic-Ciniżi jaghmlu attenzjoni l'actar ghan-nisel ta' ħut b'culuri sbieħ; wakt illi il Gappunizi minghajr ma jittrascurau il culur jaghmlu actar attenzion has-sura u ghall'cobor u sbuħija tal pinni u tad-denb.

Narau ftit mill'ghamliet ta' ħut illi ic-Ciniżi bil pacenzia taħħom irnexxielhom inisslu:

Il-*Mottled Beauty* hija ħuta imzeuka bl'actar culuri sbieħ, billi ghanda daħrha ta' culur isued bellusi, specialment in-naħħa ta' denbha, u il gnub imtebbgħa bl'isfar, bil blù, bir-roża u bl'isued ilekku, uakt illi minn taħt hija bajda fidda.

Il *Blue,* hija ħuta ċchejcna, b'daħrha,

il ġnub blù, ilekk bħal metall, u b'żakkħa leun il fidda.

*Superb* hija actarx huta cbira li minn xi dakkiet tilħak piet fit tul. Il culur ta' dahrha huua isued u scarlat, u il kxur mberfla bid-deheb. Ghanda żakka leun il fidda.

*Red-Fin*, bħal ma jurina isimha, ghanda il pinni ta' culur scarlat ilekk, u rasha hija ucoll ta' dan il culur. Il-bkija ta' gisimha huua blù.

It-*Tumbler* hija ħuta ta' ghamla curjuża u ta' culur stramb. Ghanda rasa u denbha mghauġa il fuk b'mod li il ħuta tieħu il ghamla ta' nofs kamar. Meta tghum titgherbeb fl'ilma bħal ma jaghmel il ħamiem maghrufa bħala ħamiema tal cuncrumbajsi uakt li itir fl'airu. Il culur huua blù sabieħ imċappas bl'arancjat.

Barra l'ghamliet li semmejna hemm ħafna oħra li ma humiex inkas sbieħ. Chif ġà ghedna, il Gappunizi jokoghdu actar attenti ghall'ghamla tal pinni tal huta milli ghal culur taħha, ghalchemm li dan inkas ma jittrascurauħ.

Il-Hut Gappuniz ta' Denbu Mreuħa, *Japanese Fantailed*, hua ħut bil uisk sabieħ, Denbu hua itual minn gismu u maghmul fin u delicat. Ix-xeuchiet ta' dahru u ta' żakku huma cbar ħafna ucoll u delicati bħal denbu. Il culuri huma vermilljun u abjad; minn xi dakkiet il gisem icun ta' leun iħor. Il ħabba ta l'ghajn hija aħmar sabieħ. Id-denb ta' din il ghamla minn xi dakkiet icun b'żeuġ frieghi (denbu bi tlieta) u allura minn uara icun donnu Y majuscola makluba. Meta icun semplici din il ghamla ighidulha il ħuta Cometa.

Il ghamla ta' ghajnejha mkabbża *(Telescope fish)* hija actarx cursità minn ħaġa oħra. Iggib dan l'isem imħabbta il forma curjuża ta ghajnejha mkabbża il barra bħal żeuġ telescopji. Il culur taħħa hua actarx arancjat u abiad sabieħ; izda minn xi dakkiet tcun blù jeu seuda. Il pinni huma cbar ghal gisimha u id-denb hua itual minn gisimha collu u delicat ħafna.

Fost il ħut Gappunis collu, il ghamla tad-denb bil frenza (*Fringe tailed*) hija miżmuma bħala l'actar uaħda sabieħa, u esemplari sbieħ geu mibjugħa ħames ghineji il uaħda, jeu ghoxrin darba il piż taħħom deheb. Il culuri sbieħ tal ghamliet l'oħra collha jinsabu f'dina il ghamla: minn xi dakkiet il gisem icun abiad u il pinni u id-denb icunu ħomor, jeu bil maklub. Il pinni u id-denb huma cbar ħafna u donnhom bizzilla fina, uakt illi id-denb hua bi tnejn jeu tliet frieghi u minn xi dakkiet b'erba' Il-gisem tal huta hua kasir u bħal bajda.

Hemm ghamliet oħra ta' daun il ħut barra minn dauc il semmejna.

Il ħut tal vaschi Ciniz jeu Gappuniż jista jitnissel bil cotra minghajr tbatija geuuà vaschi tas-siment xi tmien piedi uasa'. F'kiegħ daun il vaschi ghandu jitkieghed saff ramel fin ta' xi sitt pulzieri u fiħ tithauuel xi varjetà ta' pianta tal ilma (*Pontederia cordata*) jeu ħaxix iħor tal ilma. Meta il pianti icunu kabdu seuua jistghu jintelku fil vasca tmien ħutiet irgiel u sitt nisa. Daun taħt condizzjonijet tajba jiżdiedu bil cotra. Il ħut ghandu jigi mitmuħ bil bċejjec tal laħam u ħniex tal ħamrija.

Bosta huma il pericoli illi jheddu il bajd u it-trobbija ta' dan il ħut. Il ħut cbir iħobb jiecol il bajd malli jibidu, u dac li jaħrablu actarx jigi micul mil gamblu tal ilma ħelu (*Gammarus pulex*), mill'ħanzir l'art tal ilma (*Asellus apuaticus*), mill'bebbux tal ilma (*Limnea pergera*), mill'iscorpjun (*Nepea cenerea*) u ghedeuua bħal daun. Il mergha, malli tofkos tigi micula mill'ħut collu acbar minnha, mid-dudu (*larva*) u mid-dukkajs (*pupa*) tal mazzarelli, u mid-dudu (*larva*) ta' xi ħanfus u insetti oħra.

Jecc uieħed jokghod attent, bosta minn daun il pericoli jisfau fix-xejn u quantita' cbira mill'baid tcun tista' tlaħħak ħut imdakkas- Dan jista' isir billi jitkieghdu accuarji taħt is-sakaf jeu vaschi żghar barra. Tant jecc uieħed juża l'accuarji chemm jecc juza il vaschi hemm bzonn li jokghod attent ghal daun ir-regoli: (1) Il mamma trid tcun ta' ghamla perfetta, f'saħħitha u jecc icun possibli minn dic il quantita' li tieħu il culur cmieni. (2) Malli tibda ghanda titneħħa mil vasca jeu accuarju. (3) Il mergha ghanda tiġi miżmuma ghaliha u chemm jista' icun ta' daks uieħed. (4) Il ħut iżzghir ghandu icun milkugħ minn cull ħsara li tista tiġrilu

Sabiex uieħed irabbi dan il ħut seuua, irid mill'ankas tliet vaschi. Daun ma hemmx bzonn icunu cbar, izda iridu icunu fondi bizzejjed sabiex icunu jistgħu jiġu svojtati jeu mimlija scond ma icun hemm bzonn, ma icunux jistgħu ifuru, u ma icunux iħallu jl ħut joħrog. Daun il vaschi jistgħu icunu m'hux actar minn għaxar piedi tual, ħamsa uasa' u zeuġ piedi fondi, bil genb imzerzka. Fix-xitua icun aħiar jecc jinzammu voita u ndaf, sabiex jonkos il periculu tat-trobbija ta' xi insetti jeu affarijet oħra li jagħmlu il ħsara lill ħut fir-rebbiegħa. It-tielet vasca tcun magħmula għal ħut il cbar li ma jistax jigi micul minn sħabu u sabiex jinzammu fiha il ħut fix-xitua. Għaldaksħecc taijeb illi tcun actar fonda, xi erba' piedi. Jecc katt bil bard l'ilma tal vasca jagħkad fil uiċċ jaħtieġ illi jitchisser mill'actar fis sabiex ma jifgax il ħut. Il vaschi għandhom icunu mimlijin bl'ilma tal aħiar quaita.

Il ħut culurit jeu tac-Cina jbid meta icollu sena jeu disa' xhur, izda għat-trobbija aħiar uieħed jagħzel hut ta' minn sentejn sa' erba.' Jecc icun ta' dan id-daks għandhom jigu mitluka erba' irgiel ma' sitt nisa'. Jecc in-nisa icunu uisk acbar mir-rgiel jistgħu jokgħodu tliet-tirgiel ma' sitt nisa; izda aħiar jecc in nisa u ir-rgiel icunu ta' daks uieħed.

Haun biss fi zmien in-namra illi ir-rgiel jingħarfu min-nisa mingħajr tbatija. Fi zmien in-namra ir-rgiel itellgħu bħal ponot zgħar fuk il ġargi li meta tħocchom bis-suaba jinħassu bħal raspa. Daun il ponot actarx iservu sabiex ir-ragel jgħin il mara hija u tbid u jinxorbu malli jgħaddi l'istaġun.

Il mara meta tcun uaslet biex tbid tintefaħ in-naħa tal għenieked tal baid li huma kiegħda taħt is-sinsla, uieħed cull naħħa tal buzzieka tal arja. Jecc il vasca tcun magħmula chif għedna fuk, tista' tinkasam fi tnejn, b'tilar li icollu xibca fina fierm. Dana jaħtieġ icun ogħla minn uiċċ l'ilma sabiex il ħut ma jakbesx minn fuku. Allura icunu jistgħu jintelku zeug settijet ta ħut fl'istess vasca.

Malli id-differenza bejn irgiel u nisa tcun bdiet tinħass seuua, il ħut għandu jigi magħzul u mitluk fil vasca. Fil vasca jecc jista' icun għandhom jitkiegħdu ucoll katet zgħar ta' xi ħaxixa tal ilma li tibka fil uiċċ u tibka ticber. Jecc fuieħed ma isibx minn dan il ħaxix jista' jagħmel uzu minn katet zgħar ta' xi ħxielef oħra jeu ta' tiben fin. Il katet għandhom jinzammu jgħumu fil uiċċ fejn il vasca hija l'actar fonda u aħiar li icunu marbuta bi spaga biex jibkgħu f'posthom.

Meta il ħut icun sejjer ibid ma icollux kagħad u jibda jigri l'haun u l'hinn. Ir-rgiel jibdeu jigru uara in-nisa kalb il ħaxix, u uakt li in-nisa icunu ibidu, ir-rgiel jibdeu itajru ir-zerriegħa taħħom li tidher bħal ħalib fl'ilma, u bosta minnha tinxorob mill bajd li jingalla. Billi il bajd hua b'sustanza li ddellec, malajr jakbad ma' cull ħaġa li imiss maħħa, u b'dan il mod jeħel mal ħaxix jeu tiben li icun igħum fil vasca.

Il bajd hu daks ta ras ta labra u ta culur isfar u il ħut actarx ibid bejn l'erba u id-disgħa ta' filgħodu minn April sa' Auissu. Meta icun bied, il ħaxix għandu jitneħħa mil vasca sabiex jinġabar il baid.

Il baid imuaħħal mal ħaxix jeu tiben għandu jigi maktugħ b'imkass ma' bcejjeċ tal ħaxix u mitfuħ ġò barmil nofsu mimli bl'ilma; u il cumplament tal ħàxix għandu jarġa jigi mkiegħed geuua il vasca. Il baid għandu jittieħed sabiex jitkiegħed fejn għandu jfakkas.

It-tfakkis għandu isir geuua accuarji żgħar, jeu geuua globi tal ħut jeu geuua fliexchen b'għonkhom uasa' li jesgħu xi gallun ilma. Daun għandhom jitkiegħdu f'xi tieka fejn tigi ftit tax-xemx, u għandhom jiġu mimlija bl'ilma mill vasca, jeu b'ilma li għandu l'istess temperatura tal ilma tal vasca. F'cull gallun ilma għandhom jitkiegħdu mal mitt baida, cull uaħda bil biċċa tiben jeu ħaxixa chif inkatgħet mill katta, u scond is-sħana tal ilma u il cundizzioni tal baid it-tifkis isir fi żmien ta' minn tlieta sa' sebat tijem. Il baid li ma ifakkasx għandu jigi mneħħi mill'ilma għax irabbi certa moffa ħażina għall'mergħa.

Sa erba' u għoxrin siegħa uara li ifakkas, il mergħa ma għanda bżonn ta' ebda ichel għaliex l'isfar tal baida li jibka' imuaħħal f'bużżieka ma gisimhom, icun biżżejjed

ghall manteniment taħħom. Uara dan iż-żmien jibdeu jieclu l'annimali żghar li dejjem jinsabu ftit jeu uisk fl'ilma li icunu tuieldu fieħ

Uara tliet tijem il mergha ghanda tigi imkieghda f'accuarju b'xi erba pulzieri ilma ta l'istess temperatura tal ilma li icun Dan l'accuarju ma hemmx bżonn icun fiħ l'ebda pianta ghaliex aħiar uieħed iżomm il ħut ċchejchen taħt ghajnejħ chemm jista.'

Il mergha hemm bżonn li tigi moghtija uakt illi tcun kieghda fl'accuarju. Dan il ghalf jicconsisti f'annimali zghar jeu brieghed ta l'ilma (*Entomostraca*) li jinsabu bil cotra fil ghadajjar u fil vaschi cbar; iżda li ma jidhrux bil ghajnejn. Sabiex uieħed jigborhom bizżejjed li jeħu l'ilma mill'għadira jeu mill' vasca, l'aħjar mill'uiċċ ta l'ilma, il ghaliex daun l'annimali jghammru fil uiċċ ta l'ilma u m'hux fil fond. Hemm bżonn ucoll li uieħed jogghod attent li ma jarfax maħħom il-*larvi* ta' ħanfus jeu insetti oħra periculuzi ghall mergha u ghal dakshecc l'ilma merfugħ mill'għadira jeu vasca ghandu jigi moghoddi minn biċċa musulina fina li tħalli jghaddu *Entomostraca* u iżhomm l'insetti jeu annimali oħra. Meta il mergha icollha ħmistax il giurnata il ħutiet illi icunu giebu ruħħom ghandhom jiġu merfugħa u mitluka geuua il vaschi lesti bl'ilma, f'ħinijjet illi l'ilma tal vaschi u tal accuarji icollhom l'istess temperatura.

Il vaschi li ghandhom jiġu mimlija bl'ilma, il giurnata ta' kabel ma ghandux icun fihom pianti oħra ħlief il gilju ta l'ilma (*Nymphaea alba*) jeu xi ħaġa bħala. Daun il pianti huma meħtieġa m'hux tant biex jossigenau l'ilma daks chemm biex jaghmlu id-dell, jecc uieħed ma icunx jista' jaghmel daun il pianti jista' ikieghed tuavel tal ghuda li jaghmlu dell xorta uaħda Il pianti jeu it-tuavel ghandhom jiġu poġġuti fejn hemm l'actar fond. Jecc il vasca tinżamm nadifa u minghajr pianti oħra, uieħed icun jista' jara bla tfixchil tant il ħut chemm l'ghedeuua taħħom. Malli jicber bizżejjed il ħut ghandu jigi poġġut fil vasca tax-xitua, jecc ma icunx fiha ħut cbir, u din il vasca ghandha tcun mghammra tant bil gilji ta' l'ilma chemm bi pianti oħra.

Bil ftit il ftit il ħut ghandu jigi imdorri jiecol il baid tan-nemel, ħniex tal ħamrija, dud tal ħama (*Tubifex rivulorum*) u ħobż imnixxef u mfarrac. Hua neccessarju ucoll illi fil vaschi ma icunx hemm cotra żejda ta' ħut u il ħut żghir ma jigix mitluk ma' ħut cbir.

Jecc il ħut jigi mrobbi fl'accuarji malli icun uasal biex ibid jaħtieġ illi ma jibkax ħlief mara uaħda f'cull accuarju, sabiex in-nisa l'oħra ma jiclux il baid li tcun kieghda tkieghed. L'accuarju irid icun ucoll fornut tajjeb bi pianti ta' l'ilma bħal li semmejna. Malli il ħut ibid ghandu jitneħħa mill'accuarju u jstkighed f'accuarju iħor, fejn actarx jarġa ibid. Wara ftit taż-żmiem, il baid illi icun ħalla uarajħ ifakkas u i mergha issib ħafna ghalf geuua l'ilma u malli dan jigi iccunsmat ghandu jinghata il gdid chif ghedna fuk. Meta il ħut jibda jicber, jecc ma icunx hemm accuarji bizżejjed, il ħut jista' jitkighed geuua ħuat, mastelli jeu recipienti oħra addattati, fornuti u iccurati bl'istess mod illi ghedna ghall'accuarji. Ma ghandux icun hemm la cotra żejda, la taħlit fid-daksijiet u l'ankas nukkas ta' cura. Il ħuta żejjed ghandu uieħed jeħles minnu mill actar fis.

Forsi icun aħiar jecc il ħut ta' denbu mreuħa (*Fantails*) u tal frenża (*Fringe tails*) jiġu imrobbija fl'accuarji taħt is-sakaf. Dan il ħut hua difficultus fil baid u fit-trobbija actar minn ghamliet oħra, iżda ix-xoghol żejjed illi irid, iħallsu fil uisa.'

Il culur tal ħut tal vaschi, meta icun ċchejchen hua griż ilekk, u isir scur izied kabel ma jibda jieħu il leun tieghu. X'uħud jieħdu leunhom meta icollhom ftit gimghat uakt illi oħrajn iuasslu sat-tieni sena. Chif ghedna kabel dauc li jieħdu leunhom cmieni ghandhom jiġu magħżula għarrazza.

Il ħut tal vaschi ibid actar minn darba ma' tul l'istaġun.

---

USA IN-NITRAT TAS-SODA TAC-CHILI U B'HECC TCUN TATI LIL PRODOTTI IS-SUSTANZA LI JINHTIEGIU.

# LI TCUN TAF TBIXX M'HUX BIZZEJJED!
# JINHTIGLEC POMPA TAJBA.
## TIXTRIHA DARBA F'HAJTEC!



Il bexx ghal marda tal patata, ghall'insetti tal ghelejjel, chif ucol ghad-duieli u sigar tal frott, il bdieua collha jafu bizzejjed chemm hu mehtieg, izda li tonfok il flus u dbixx b'pompa li m'hix maghmula chif titlob ix-xienza, hi ghar milli uiehed ma ibixx xejn!



Jecc tixtri hobza, inti tfittex dejjem qualità tajba u tokghod attent mnejn tixtrigha fil uakt li pompa tal bexx li tisua uisk izied tixtrigha chif gie gie.

Li tixtri pompa irhisa, tfisser li tixtriha ghalia *u li kighed tarmi flusec! Uara ftit zmien int issib li ghandec bzonn pompa ohra.* Cun bil ghakal mela u itlob biss il pompi tal bexx **"IRON ARM"** li huma mghamula min Inginieri u fabbrichi Inglisi mgharufa mad-dinja collha. Ghalchemm ftit ghola min pompi ohra, huma uisk ahjar u maghmula mill'ahjar ram. Tixtri uahda darba biss u tibka tbierec il flus li infakt fiha. **"IRON ARM"** huma l'akua pompi, huma **ibixxu f'ghamla ta bexx li trid int**, fin daks ghabra, ohxon, mifrux, dritt; minghair ma hemm bzonn li tbiddel xejn. Invenzioni sabieha li *hatt ma jista jaghmel bhala.*





Bhal ma tara mil li stampi haunecc, hemm hafna ghamliet, xi uahda minnhom tghodd ghalic. Acquistgha malair, u zomm il prodott tighec b'sahtu.

**Daun il pompi jinsabu ghal beih biss ghand:**

**G. M. BUGEJA & Co, 25 Sda. Forni, il Belt.**




Nirringrazziau b'kalbna collha lil dauc collha li spiss jictbulna duar il pubblicazioni taghna "Il Bidui". Ixxeuka taghna hi dic li niccuntentau lil karrejja taghna, Bdieua u Delettanti, u li nippublicaulhom haunecc articoli li jinteressauhom. Bilmod il mod niccuntentau lil culħatt u nippubblicau l'articuli collha fuk is-suggetti li titolbuna. Aħna nisperau li il ħbieb tghana jirricmandau dan il periodicu lil bdieua u delettanti sħabhom, u li ilcoll fl'imchien jimxu scond it-tghalim tieghu!

—

Nirringrazziau b'kalbna collha lis-*Sur G. Despott* ghal ctieb famus u tasseu meħtieġ fuk l'ghasafar ta Malta li bghatilna. Ghal cull uieħed li jinteressa ruħu b'mod jeu jeħor fl'ghasafar ta Malta il ctieb "Gli Uccelli di Malta" ippublicat mis-"Società Storico-Scientifica Maltese" hu tasseu meħtieġ. Il ctieb fieħ lista ta l'ghasafar collha li izuru daun il gzejjer, bil classi taħħom, bl'isem xientificu, l'isem bil Malti, chif ucoll iz-zmien li jidru f'Malta u Ghaudex. "Gli Uccelli di Malta" hu acquist ghal cull libreria.

—

"*Iz-zeŭg Cotba ta Giuditta u tal Profeta Jonah*" mictub min Dun Pietru-Paul Grima, ctieb zgheir tasseu sabieħ, u cull delettant tal kari tajjeb ghandu jixtrieħ. Hu id-dedicat lis-Sur Fons M. Galea, li ghamel uisk gid lil Malta u lill'ulieda bil kari tajjeb tieghu.

—

Nirringrazziau lil Mons. G. De Piro ghal "Almanak ta l'Istitut tal Missioni ghal 1929" li ghoġbu jibghatilna. Il karrejja taghna, huma mitluba jiftacru fl'opera tal missioni u li jghainugha chif jistghou u milli jistghu. Dauc li jixtieku jgheinu l'Istitut, jistghu jirricorru ghand il Mons. G. De Piro Sda. S. Paolo 9, Notabile.

—

Fil-Librerja Frangiscana tal cappuccini, Marsa, jinsab depositu ta cotba ghal bejħ li il profitti taħħom imur collu a beneficciu tal Missioni. Fost daun il cotba jinsabu daun li gejjin:—It-Tifchira tas-VII Centinarju ta S. Frangisc t'Assisi—Tifħir lil kdusija ta S. Frangisc Il ħajja ta S. Giammarì Vianney, Curat ta Ars Il ġrajja ta l'Ghakda il Kadima—Hajja ta Sidna Gesù Cristu - Zmien il Profeti—Il bichi ta Geremia—Ecclesiastes u Ctieb il-Gherf—La Vallete, *Dramm*—X'jghid il-Malti—Ruħ ta Tfajjel—Santa Zita—Il ħajja tas-Serv t'Alla Fr. Giużepp Marija minn Paliermu—Il ħsarat ta tkarbina ħazina—L'Adorazioni riparatrici—Weġġagh lil Missierec u l'Ommoc—Attenti Genituri—L'eremita S. Corradu Confaloni eri—Novena lil S. Veranica Giuljani—Il Ctieb ta Tobïa—Iż-żeuġ cotba ta Ester u Ruth—Ecclesiasticus u l'Għanja tal Ghanjet—Is-sorijet tal Fkar—u xi oħrajn ucoll.

F'din il-Librerija tinsab ghal bejħ ucoll is-SERIE ARTISTICA tal Cartolini tal Missioni tghana fl'India. Din is-

Serie, li hi uisk sabieħa ticconsisti fi tnax il Cartolina li jippresentau il ħajja li hemm jghaddu ħutna il Missionarji Cappuccini Maltin. Min ghandu interess ta din iċ-ċchejcna Missioni ma jibkax ma jacquistax din is-Serie ta Cartolini biċ-ċhejchen ħlas ta 8 soldi.

Min irid xi cotba minn daun jeu xi serie tal cartolini tal Missioni, jista jitlobhom lil min ikassam l'Immaculata jeu jirricorri ghand l'Amministratur tal Librerija li hu P. Nicola minn C. Paula, Cappuccini—Marsa.

—

Irceveina ħafna ittri jitolbuna nghamlu li nistghu biex nraħħsu il prezz tan-Nitrat tas-Soda. Aħna nirrispondu lil ħbieb taghna li aħna, direttament ma nistghu nghamlu xejn, ghaliex bħal ma bosta drabi fis-sirna, *aħna m'ghandniex x'naksmu mal bejh tan-Nitrat tas-Soda* chif ankas ma min ibighu. Fil maggioranza ta casi, in-Nitrat tal Chili kgħed jinbieħh zeug soldi-u-nofs il libbra, dsatax il xelin il kantar (112 il libbra) u £ 14 it-tunnellata. Dan ifisser li ictar ma tixtri inkas tħallas, I. bdieua m'ghandhomx jghamlu ħaġ'oħra ħlief jinghakdu ftit u jixtru tunnellata (20 kantar inglis) u b'hec icunu jeħduh BL'14/- IL KANTAR (cwt).

—

Chelna piaciri narau il pompi tal bexx li giebet id-ditta Bugeja 25 Sda Forni Il Belt. Pompi b'saħħithom mghamula mil l'aħjar ram, meccanismu semplici u famus maħduma mill'aħjar fabbrica Inglisa ta inginieri. Hemm ħafna ghamliet u prezzijet. Aħna nirriccmandau daun il pompi lil ħbieb taghna ghax ghalchemm ghola mill'oħrajn min jifhem fil qualità isibhom uisk orħos. "*Lirħis ghali*" jgheid proverbiu antic, fil ghodda tar-raba dan hu izied min veru. Ixtri oggett tajjeb, li itic xoghol tajjeb, economicu fl'usu u iservic ħaitec collha.

—

Là tħallix il berghout tal prodotti, insetti oħra jirrovinaulec il prodott. Fl'ixchun li jisua biss xelin tista tekred l'insetti collha li icolloc fil gnien jeu f'ir-raba, u tiffranca ħafna mard. Jinxtara min ghand id-ditta Bugeja 25 Sda Forni, il Belt.

—

Nirrispondu lil ħbieb taghna li aħna nilkau bil ferħa cull chitba li tghodd ghal bdieua, izda l'ebda ħagia ma tigi ippublicata jecc ma tcunx accompagnata mil-l'isem u l'indirizz ta min jibghata.

—

Biex natu il uisgħa l'ix-xhur, li il karrejja tghana hilom tant jitolbuna, ħallejna ghal numru ieħor it-tmiem tal Hajja ta San Isidoru.

## LEHEN IS-SEUUA.

L'ictar ħagia li tghamel ħsara fiddinja hi il kari ħazin, u dakstant ieħor icun ta gid il kari jecc icun tajjeb u mictub bil fehema li jghamel il gid. Il giurnalisti u chittieba tal giurnali ghandhom l'icbar risponsabbilta', ghaliex mil chitba taħħom jiddependi il paci jeu glied ta pajjis, l'imgieba taiba jeu ħazina tal popolazioni, il moralita' jeu l'immoralità tal pajjis.

Il bzonn ta kari onest f'pajjisna chiber bil bosta u chiber izied dan l'aħħar meta il poplu quasi ma chienx isib x'jakra ħlief fuk il pulitica. Id dehera fostna tal gazzetta "Lehen Isseuua" chienet f'uakta, u b'ir-ragiun collha giet milkugha b'ferħ l'jema bhalu.

Aħna nixtieku li il karrejja taghna jissieħbu f'din il gazzetta, diretta mil pinna gharfa tal bravu u ħabriechi Sacerdot Enrico Bonnici, Cappillan tar-Rabat ta Malta. Biex il karrejja taghna icunu jistghu actar isibu tghalim fieħ, is-Sur C. Zammit Marmara,' Direttur tal Bidui, joffri li jirrispondi fil gazzetta Lehen Isseuua mistoksij li jigu lilu mghamula duar il biedia u orticoltura. Id-domandi ghandhom jintbghatu dirett lis-Sur C. Zammit Marmara'. 53, Sda, San Vincenzo Sliema, u min jibghad ghandu iħares gharrisposta f'Lehen isseuua. Ir-risposti jigu pubblicati uara xulxin chif imisshom.

Aħna nisperau li il karrejja taghna jabbonau "f'Lehen Isseuua" li toħroġ cull nhar ta Sibt u tisua biss 4/- fis-sena jeu SOLD fil gimgha, Abbonamenti ghandhom jintbghatu l'id-Direttur *ta dic il gazzetta.*

*Nixtikulū ħajja tuila ghal gid ta arina.*

# MEHTIEG GHAL BDIEUA.

Gaudi il mutur tieghec, zommu f'condizioni taiba minghair ma icolloc bzonn tnaddfu billi tuza il Famus.

"PETROLIU TA L'ASIATIC U BENZINA SHELL"

L'actar petroliu raffinat u speciali ghal muturi li hu uzat mill'akua motoristi tad-dinja. L'akua fabrichi ta barra jirricmandau dan il famus petroliu Asiatic u Benzina Shell (tal arzella).

UZA LILU U FADDAL IL FLUS!

Jimbieh cull'imchien f'Malta u Ghaudex fit-tankijet HOMOR U SOFOR tal ASIATIC PETROLEUM COY. LTD. (tal marca ARZELLA).

*Zomm dejjem id-dar u'r-razzett nadif u ħares l'ghar mard* billi tuza

## SHELL-MORTOL

### CHIF TUZAH.

**DUBBIEN, NEMUS, ECC.** – Ghalak il bibien u it-tuieki collha u zomm il pompa ippuntata il barra minnec u bda roxx. L'euuel is-sakaf u imbaghad il ħajt minn fuk s'isfel. Uara li tcun raxxejt *Shell-Mortol* bizzejjed id-dubbien u l'insetti ghal-leuuel jibdeu jittajru l'haun u l'hemm, uara ftit tonkoshom il forza, jistordu, jakghu u imutu.

**BAKK U BRIGHED.** – Hott is-sodod, biccia, biccia. Ix-xkuk u it-tghatin ghandhom icunu imraxxin tajjeb bill *Shell-Mortol* u li strixxi, u il ħadid tal ġnub ghandhom jigiu midluca b'dan il liquidu. L'insetti zghar imutu malajr u il cbar ma idumux ħajjin actar minn sitt minuti.

**CAMLA U UIRDIEN** – Lbiesi, ħuejjeġ tal pil ecc. ghandec tfarfarhom, tnaddafhom u tiflihom ghal camla. Il pompa, zommha, xi nofs metru boghod mill'oggett, u ix-*Shell-Mortol* roxxu bill moghod. Il *Mortol* m'hux biss jekred il camla izda anchi il bajd tahħa.

**IN-NEMEL ECC.** – Hemm bzonn illi troxx malajr u bil quantità, biex kabel ma daun l'insetti jiscartau icunu già ħadu *Mortol* bizzejjed. Ghal dan ix-xoghol aħjar tcunu tnejn min-nies. Uieħed biex iroxx u l'iħor malajr ighezzez l'insetti flimchien biex ma iħallihomx jaħarbu. Jaħtieġ uisk illi jigiu imraxxa il lochi comdu, il pixxiatur, fejn jinzamm il bzar (zibel) ecc. chif ucoll mal ġnub collha tal canni tal ilma. Ghal bidu hemm bzonn li troxx culljum izda uara zmien icun bizzejjed jecc troxx darba fil gimgha.

**ID-DANNU TAL BIEDIA** – *Shell Mortol* hu meħtieġ uisk fl'agricoltura biex jiccumbatti l'insetti danneggiusi; biex tħares iz-zuiemel, bakar tal ħalib, animali li jinzammu ghas-simna u anchi tjur ghandec troxxilhom il *Shell-Mortol* taħt il pil jeu ir-rix taħħom, l'insetti f'dakka uaħda jakghu minn fukhom u imutu. Cull carrettun tal bdieua dejjem ghandu icollu ix-*Shell-Mortol* u l'animal ghandu cull tant jigi imraxx. Daun ghandhom jigiu imraxxa mir-rashom sa dembhom *izda min icun kighed iroxxhom jittendi ghal ghajneihom.*

Unici Agenti f'Malta **Degiorgio & Azzopardi** 225 Sda. Mercanti. Il Belt.

## LIEMA HUMA LI ZBALJI FL'USU TAN-NITRAT TAS-SODA.

1. Katt tuza quantità cbira ħafna ta Nitrat tas-Soda, ftacar li dan hua demel artificiali ta sustanza kauuija. Gib dejjem kuddiem għajneic li KANTAR (uzin inglis) jigifieri 112 il-libbra Nitrat tas Soda fieħ Nitrogenu daks chemm jista icun fiha TUNNELLATA U NOFS, jigifieri 3,360 libbra, ta demel tajjeb tar-rziezet! Ftit Nitrat tas-Soda cultant jgħamel effett min dosa kauuija mgħctija f'darba.

2. Katt la tbixx bin-Nitrat fuk il uerak u l'inkas għandec ixxerred in-Nitrat fuk il uerak, meta icunu imxarrba, inchella jinħarku

3 In-Nitrat tas-Soda għandu jigi imxerred fil uicc. Katt ma għandec tazku. *Tista tonkxu jecc trid izda katt tgħazku fil fond. Għandu jintgħata fit uiċċ.*

---

## IN-NITRAT TAS-SODA TAC-CHILI.

Milhux uisk, id-departiment tal Biedia tal Gvern ħareġ librett imsejjaħ "Id-demel Artificiali jeu Demel Chimicu" li uieħed jista jacquistaħ *b'xejn* mill'Ufficciu tal Biedia. Il-librett (Leaflet No 27) hu dakxejn tuil biex nippublicauħ f'dan il periodicu, izda aħna sejrin ingibu dac li intkal fuk in-Nitrat tas-Soda tal Chili f'din il pubblicazioni.

Dan il librett, li chien uisk meħtieġ f'Malta, giè mictub mil pinna tal Professur John Borg M.A., M.D., li jgħamel xogħol għal bdieua ta pajjisna b'imħabba u għakal cbir.

Dan hù dac li jgħeid il-librett duar il FAMUS DEMEL ARTIFICIALI

NITRAT TAS-SODA TAC-CHILI.

Imma aħna irridu nitchellmu middemel tal-azotu li hua l'izjed magħruf mad-dinja collha, u l'izjed ħafif biex tuzaħ mingħair ma tista tigri ħsara cbira jecc uieħed ma juzaħx seuua chif titlob is-sengħa. Dan id-demel chimicu hua in-nitrat tas-soda jeu salnitru tal Chilì li jigi mid-deserti tal Chilì fl'America t'Isfel, fejn hemm uileg cbar ta dan is-salnitru, xi drabi mogħla 5 metri (15 il pied). Dan il ħaġar melħi jgħidulu *caliche* u actarx icun micsi bi *crosta* jeu scorċa jebsa magħmula minn ramel u tafal. Dan il caliche, barra minnitrat tas-soda (maduar 61 fil mija), fiħ ucoll solfat tas-soda, solfat tal manjesia u solfat tal gir (gips), u għalhecc fih biż-żejjed cubrit għal l'art. Fiħ ucoll xi ftit tal jodur tas-soda, minn ftit taż-żmien il hau.. l'għorrief collha igħidu li dan il ftit tal jodju jagħmel gid uisk biex ikauui ix-xitla u isaħħaħ il uiċċ. Xi drabi il *caliche* icun fiħ mat-tletin jeu ħamsa u tletin fil mija tan-nitrat tal putassa (nitru veru), li barra mill azotu fiħ ucoll il putassa, u għalhecc igħodd bħala demel doppju. Dan il caliche iħolluħ fil misħun, it-trabijet u ir-ramel, u ħmiegijet oħra jibkgħu fil kieħ, u mill'ilma li jevapora jeu imur fl'ajru, jibka' in-nitrat tas-soda u xi melħ ieħor li semmejna, li jinħall fl'ilma bħalu, u daun igħakdu u jiccristallizzau seu seu bħal ma jagħkad il-melħ fls-salini tagħna. In-nitrat tas-soda tal cummerċ actarx li icun fiħ mal 94 fil mija ta nitrat ta soda pur, jeu nitrati oħra, jigifieri icun fiħ dożaġġ ta 15 jeu 16 fil mija tal azotu, u fuk dan id-dożaġġ jituakkaf il-prezz tiegħu u għalhecc dauc collha li jixtru in-nitrat bil uisk deijem jitolbu il garanzija li id-dożaġġ tal azotu tiegħu hua ta 15 jeu 16 fil mija.

In-nitrat tas-soda għandu jinżamm f'post magħluk u niexef, għaliex inchella jista jiġbed l'umdu mil l'ajru,

jitbell u jittajjan, jeu jinħall; u it-taħlit tieghu ma' demel chimicu ieħor (bħal ma huma is-superfosfati u il-clorur tal putassa), aħjar isir f'l'aħħar mument, kabel ma inxerduħ fuk ir-raba', ghaliex jecc jittajjan isir bħal ċapep u ma jixxerredx seuua. In-nitrat tas-soda jagħmel ghall'ilma (hua igroscopicu), u jinħall uisk fl'ilma u b'dana collu ma jghaggilx jinxtered u jiġri ġol-art, ħlief jecc tigi xita xi ftit kauuija. Bix-xita xejda, jeu bit-tiskija żejda, in-nitrat jiġri u jinħasel mill'art, u jibka' sejjer mal ilma li jiscula mir-raba' jeu jinxorob mill'blat jeu mill'materjal li hemm taħt it-trab, u hecc jintilef ghal collox ghall'ghelejjel u ghas-siġar. Ghaliex ghad li in-nitrat ma jghaggilx jinxered u jinxorob fl'art, mhux bħal am-monjaca u il putassa, li jingibdu u jinzammu mill'art, u iriċ jagh-mel uisk ilma biex jaħsilhom u jeħodhom. Ghalhecc irridu nokghodu b'ghajnejna miftuħa biex ma isirx telf tan-Nitrat, u ma ghandniex inxerrduħ fir-raba' fil ħarifa, meta ix-xtieli icunu ghadhom chemm nibtu, u ghad nisten-neu it-tokol ta' l'ilma tax-xita min Set-tembru sa Dicembru. L'aħiar uakt li tati in-Nitrat hua fir-rebbiegha (Frar April) ghal ghelejjel tal baghli bħal ma huma il kamħ, il patata, il piżel-li, l'ghelejjel tal ċċina, pastard u ca-boċċi u ħuejjeġ oħra. Fis-sakui in-Nitrat jista' jinghata is-saif collu, im-ma it-tiskija trid issir bil ghakal biex l'ilma ma jibkax nieżel fuk il blat, u jieħu mighu in-Nitrat fejn ma jistax jiltaħak mil gheruk. L'aħiar ħaġa hi li uieħed ikassam id-doża li ghandu jati f'darbtejn; ghal bghali jati nofs id-doża f'Jannar jeu Frar, u in-nofs l'iħor f'Marzu jeu dħul April. Ghar-sakui jista' ikassam id-doża imkar fi tliet darbiet jeu erba', scond l'ghelej-jel li ghandu, jigifieri scond jecc l'ghelej-jel jilħku malajr jeu idumu fl'art. Ghal cabocci tas-sakui u ghelejjel bħalhom, jista' uieħed ikassam id-doża f'dar-btejn, imma ghall'bringiel u ghelejjel li idumu biċċa cbira mis-saif, jista' uieħed ikassam id-doża fi tlieta jeu erba' darbiet; jeu jirdoppia id-doża.

In-Nitrat tas-soda jaghamel ġid cbir ghal ghelejjel collha, iżid il kau-ua tax-xitla u icabbar il prodott taħ-ħa. Jaghamel ġid uisk ucoll lil dauc l'ghelejjel li ghalavolja ma ghandhomx bżonn ta ħafna azotu ghall'prodott taħħom, bħal ma hi il patata, imma billi ikauui lix-xitla u igaghilha tagh-mel uerak cbir u b'saħtu, b'hecc jiġi ighein m'hux ftit il prodott. Ghaliex cull prodott jiddependi mil uerka, u jecc il uerak icun kauui il prodott jitkauua, seuua jecc icun prodott ta' żerriegha (il fuk mit-trab), u seuua jecc icun prodott ta' gheruk (taħt it-trab) bħal patata, pitravi, zunnerija u oħrajn.

Dan li ghedna ma ifissirx li ma tistax tuża in-Nitrat fil ħarifa ghal xi gheljejel, bħal ma huma il cromb (pastard u cabocci), it-tadam tal ħarifa u il patata tax-xitua; u f'artijet gras-si il kamħ imur tajjeb uisk jecc icol-lu xi ghabra Nitrat, nghidu aħna mal uizintejn jeu tlieta it-tomna, imbagħad natu il bkija tad-doża ghal Jannar jeu Frar.

Ghar-rebbiegha u ghas-saif, id-doża trid tcun icbar. Trid tcun minn erba' uiżniet sa tmienja ghal cull tomna

raba'; u chif ghedna aħjar titkassam f'darbtejn jeu tlieta jeu izied, scond l'ghelejjel li ghandna. Hua uisk aħiar li uieħed ikassam id-doża ghaliex aħiar tati ftit, u uara xi xahar jeu ftit izied ittenni ghal darba jeu tnejn, inchella tati id-doża collha f'dakka uaħda. Ghaliex bit-tiskija jeu b'xi ħalba xita kauuija ghandu mnejn icun hemm il ħela u it-telf billi in-Nitrat jinħall uisk u imur ma l'ilma, jeu jibka' nieżel l'isfel fejn ma jilħkux l'gheruk. F'bosta pajjiżi it-tixrid tad-demel chimicu isir bil macna, imma ghal pajjiżna daun il macni (distributuri) ma tantx ghandhom fejn jaħdmu, u l'ebda bidui minn taghna ma jakbillu jixtri uakda minn daun il macni ghal dan ix-xoghol. Ghalhecc dan it-tixrid jista' isir bl'id, jeu "bit-tefgħa", seuua seu chif tinżara' is-silla u il kamħ u il bidui malajr jidra ixerred id-demel chimicu seuua xorta uaħda ma' cullimchien bħal ma jiżra' il kamħ.

In-Nitrat tas-soda jeu salnitru tal Chili ighin uisk l'ucuħ collha, u scond ma jghidu l'akua nies li studiau u chitbu fuk dan id-demel chimicu icattar il prodott minn 25 sa 60 fil mija u minn hecc jidher biżżejjed chemm jakbel li uieħed jaghmel l'ispiża biex jixtri in-Nitrat, li imbaghad idaħħal taħħa minn erba' darbiet sa ghaxar darbiet daks chemm icun nefak.

IN MEMORIAM.

B'tifchira ghaziza ta

**G. ZAMMIT - MARMARA'**

li ghadda ghad-dinja l'oħra

f'is-7 ta Marzu 1927.

--

Nitlob lil ħbieb u'l karrejja tghana jitolbu ghar-ruħu.

R. I. P.

*L'Editur.*



## ISMA L'AHJAR BLIET GIO DAREC STESS.

L'icbar invenzioni li katt saret f'id-dinja chienet certament dic tar "Radio", li permezz ta strument zghair tisma min gio darec l'isbaħ operi li isiru f'teatri u stazionijet ta l'akua bliet tad-dinja. M'hux biss hu passatemp sabieħ, izda ħagia li illum quasi ħatt ma jista jghokod minghaira. Barra mill'isbaħ operi, operetti, Jazz-band, orchestra ecc. u aħbarijet tad-dinja collha, inti tircievi min fuku l'ezzionijet tal lingui u bosta ħrejjeg oħra mill'akua professuri. Min hu dac il missier li tasseu jixtiek jeduca l'uliedu u li jixtiek izommom onestament gio daru, li ma ifittix jghamel uieħed min daun l'istrumenti gio daru?

Fi qualunque ħagia kies izda li icolloc oggett modern, u biex tixtri l'aħjar u l'orħos, mghandecx tghamel ħag'oħra ħlief tasal uasla sa ghand "Radio Lyre" *207 Prince of Wales Rd. Sliema,* fejn il proprietariu, is-Sur Borda, itic cull informazioni li tinħtieg.

## IX-XUHUR

Ghat-talba ta ħafna ħbieb taghna, sejrin nippublicau ix-xhur tas-sena, u'x-xoghol li ghandu isir fihom fil gionna u fir-raba', mictuba mill'Editur.

### JANNAR.

(Ix-Xahar tal Bart).

(*Temperatura beijenia 53.5 gradi F.*)

PROVERBI :

F'Jannar, ghalak in-nghaġ fil ghar.

Min ma jaħratx f'Jannar—ftit koton jdaħħal fid-dar.

Ix-xemx ta Jannar—toħrog ix-xebbiet mill ghar.

Uara il Hamiem ibza ghal art - Ghax tghaffiġ igibilha bosta mart.

Mita Jannar taraħ leuuieni,—Ma tarax il Bidui tant ħieni.

Is-saif ta Jannar—ghana tal bidui u tal fkar.

*Dac li jidher u isir fil biedia.*

Traħħas—In-naspli, il-leuz, il ħarruħ, iz-zgharun, is-sebuka.

Tiżhar—Il-leuz, il-lumi.

Isajjar—Il-laring Portugall, il-laring kares, il-lumi.

Tinza—Il pumaconnella.

Xoghol ta Bdieua f'r-raba hauli.

Jinzera—Il Chemmun, il ghads u 't-tomnija.

Jidhauuel—Il patata tas-saif u'l basal.

Jitnakka—Il Ful, iz-Zara, it-teum ecc.

Jinkata—Ix-Xghair li jidħalla ghal zeug uciuħ.

Tingiabar—Il Patata tax-xitua.

Xoghol tal Bdieua fir-raba u fil gionna.

Jinkata—Il Kasab.

Jinzara—Il-Leuz, ir-Ravanell, u't-tuffieħ tadam, il ħass, ful u piselli imuaħħrin.

Jinzabru u jitlakkmu—Id-duieli, u's-sigiar collha tal Frott irkiek u tal ħalib.

Jitħaulu—Id-duieli, il kasab it-tin u'l frauli, u'l gidra.

Ghati mimli zeuġ imgharef Nitrat tas-Soda ma duar cull dilia, dan itigha kauua cbira, u lilec itic frott bil cotra u mill'aħjar.

*Fiuri.* Xettel il fiuri collha tar-rebbigha

Nissel mil bcejjec—Uard, Knonfol, Gerenji, Gisimin, Veronica, Salvia, Verbena, Bignonia, Ivy, Viburnum.

Lakkam—il uard.

Izbor—sigiar ornamentali; sigiar li jghamlu fiuri fis-Saif jistghou jinzabru ectar tard.

Demmel b'in-*Nitrat tas-Soda*, il KAMH U'L MAHLUT, min 4 sa 6 uizniet Nitrat tac-Cili ghal cull tomna raba, uara li jinbet u kabel ma jitghadda bix-xatba jeu jitnakka bil-lexxuna.

Ix-Xghir, il Ful u'legumi collha 3 uizniet Nitrat tas-Soda tac-Cili cull tomna raba. Ix-xghir irid 4 uizniet u jintata bhal ma fissirna ghal kamħ.

Il Patata tghamel svilupp kauui bl'uzu tan-nitrat tas-Soda tac-Cili u tati prodot bil cotra. Trid min 3 sa 5 uizniet Nitrat cull tomna raba 3 tijem uara iz-zrieħ u min 3 sa 5 uizniet ohra kabel l'inkix. In-Nitrat tas-Soda m'hux biss hu tajjeb izda *meħtieg.*

### FRAR.

(Ix-Xahar tal Gelbin).

*Temperatura bejjenija 52.9 gradi F.*

PROVERBI

Frar Fauuar—tal bidui ghana id-dar.

Frar Fauuar - Coll xitla bin-nuar.

Fix-xahar ta frar—jinchixfu l'gheuar.

Mita Frar icun fauuar—f'dakka il biedia tmur fl'itiar.

*Nhar il Gandlora joħrog l'ors; jecc jsib l'art imxarrba, jeu rigleiħ jibkghu niexfa jghaid ix-xitua gejja; jech isiba niexfa, jgheid ix-xitua ghaddiet.*

*Dac li jidher u isir fir-raba.*

Traħħas—Il ghanzalor, ic-ciprisch, iz-zorba, il Banana, it-tuffieħ ta Belludia, ir-rummien, il Bzar aħdar, il Kasab.

Jizghar - Il Berkuk, il Frauli, iz-Znuber, ir-Rand.

Isajjar—Il lumicell, li xcomp, il Piselli, il Ful bicri.

Jinza—Il cappar.

Xoghol tal bdieua f'r-raba hauli.

Tinzara—It tomnija 'muaħħra, il chemmun, il Patata, it-Tabacc.

Jitnakka—Iz-Zara, il Ful 'muaħħar, il Chemmun bicri, il Patata.

Jinħarat- Ir-raba tal koton u tal Bħaira.

Tinħasat—Is-silla u il Uidna ghall' aħdar.

Titbejjet—L'articioqs.

Xoghol tal Bdieua f'ir-raba sakui.

Jinzara—Il Kara aħmar, il Bzar aħdar,

il Bringiel, Ravanell, Hass, Spinaci. Crexuni, Hiar, Gidra, Crafes, zunnaria, u kara baghali f'post chenni.

Ressak f'post chenni u xemxi il geranji fil ksari, Tista tbiddel jeu takleb min kasrija ghall'ohra, Camelji, Gardenji, Azaleas, u Rododendron.

Izra id-dalji (Id-dalji jicbru tajjeb miz-zerrigha).

Sigiar tal frott li jinzau il uerak cull sena, bhal Leuz, Ghainbakar, Causli, Hauh, ecc, ghandhom jinzabru, jitlakkmu jithaulu jeu jitkalbu min post ghall'jehor kabel l'ahhar ta Frar.

Minghair l'uzu tan-Nitrat tas-Soda tacCili, ebda ghmien jeu raba ma jista jider chif imissu.

---

## MARZU.

(Ix-xahar Tar-Rabs.)

*Temperatura bejjenia 55.4. gradi F.*

PROVERBI.

Marzu Marzellu—Jahrak il moxt u ir-rixtellu.

Xita hruġ Marzu u dhul April—carru deheb jehor harir.

*Dac li jidher u isir fil biedia*

Trahhas—Il Berkuk xandri, spraġ, cappar, Baitar, hauh, clin, rand, znuber, langias, dilia, pumacannella, tut, xcomb, prain, articioqs kotom.

Tizhar—Lumi tal curuna, laring, rand, fom il-lip, langias, tuffieh ta Belludia, uidna, prain, silla, xghir.

Is-sajjar—Lumi, ful, piselli.

Xoghal tal bdieua fir-raba hauli.

Tinzara— Il hleuua, it-tomnia, il pitravi, il fazola, il kamh ir-rum, il bhaira, il koton il giolglien.

Jitnakka—Il cromb, il chemmun.

Xoghol tal Edieua fir-raba sakui u fil gionna.

Jinzara—Il-laring, ic-citrat, il habak, il bzar ahdar, kara baghli, Bringiel Tadam basal tar-rebbigha, hass tas-saif, Bamia, Hiar, Kara ahmar, Bittieh, Dullieh, Fasola hadra, Piselli imuahhra, u il hxejjex l'ohra imsemmija ghal Frar.

JITHAUUEL. Hiar Bicri, Tadam u Bringiel.

Ghazak ma duar is-sigiar tal Agrumi, akla cull hxejjex min ma duar siġar tal frott irkiek.

Is-siġar tal frott irkik m'ghandhom katt jitkahklu min lochom meta jibdeu jitfacciau il blanzuni. (Meta jibdeu jizgharu). Fil bidu ta Marzu ghati mimli żeuġ mgharef Nitrat tas-soda l'id-duieli u sakki fuku jece ma tghamilx xita.

*Fiuri*: Sakki bi ftit Nitrat tas-Soda ix-xitel tal fiuri, ghax jghamillom uisk gid. (Ukija f'cull gallun ilma.) ahsel issiġar u xtieli tal uard bil Potassium Sulphide. Ghall'ahhar tax-xahar, jeu f'bidu April xettel b'cejjec tal Coleus, Acalypha, Alternanthera, Ficus, u Achyranthes. Il palm miz-zerrigha tista ixxettlu uahda uahda fi ksari zghar.

Basal tat-Tuberosi, vallota, Pancratu jistghu jithaulu, ghall'ahhar ta dan tista ucoll thauuel il basal tad-dalji.

Ghall'ahhar ta dan, izra il fiuri tassaif, bhal m'huma l'asters, Cosmos, Balsmu, Amaranthus, Tabacc, Zinnia, Campanelli, Kara Ornamentali, Bzar ornamentali ecc. ecc.

Il Bidui ghakli idemmel il prodotti tighu b'in-Nitrat tas-Soda ghax fl'ahhar jehu piacir bil klieh li jakla. Ix-xerrej ghakli jitlob il prodotti imdemmla b'in-Nitrat tas-Soda, ghax icunu actar bnin u m'hux mimlija b'microbi tal mard.

---

## APRIL.

(Ix-xahar ta Nuar.)

*Temperatura beijenia 59. 1. gradi F.*

PROVERBI.

Il koton tal Mohriet, *ahjar* min ghaxra tal beitiet.

Bil cumplament t'April—L'uċuh collha takbes u 't-tir.

Uara San Marc— Ix-xita mar fl'art.

In-Nitrat tas-Soda jati lil Prodotti collha l'akua sustanza li ghandhom bżonn li hi in Nitrogenu. Kantar Inglis Nitrat tas-Soda, (Kantar Inglis fieh 112 il libbra.) fieh Nitrogenu daks chemm figha Tunnellata u nofs ( 3,360 libbra ) ta demel tajjeb tar-rziezet!

Trahhas—Iz-zinzer, it-tut, il geus, izzebbug, it-tuffieh ta Belludia, ic-cirasa, il-baitar tax-xeuc, il pistaċċi.

Tizghar Il prain, il basal, iz-zebbug, li sfargel, il patata, il kokoċċ, ir-rummien, ic-ceusi.

Issajjar – Il frauli, in-naspli, it-tuffieħ tadam, il ġolbiena.

Xoghol tal Bdieua f'ir-raba ħauli.

Tinzara – Il bamia, il gidra, il busbies, il koton, il giolglien, id-dullieħ, il ħettieħ, il kamħ ir-rum.

Tinzabar – Il koton.

Tinkata—Il busbies.

Tinħasad—Is-silla ghan-niexef is-silla maħsuda titħalla tinxef fl'art u cultant titkalleb; meta tinxef tintrabat f'katet, timbena ħallel fuk l'art jeu fuk il biut.

Tinkala—Is-silla, il uidna, il ful, il patata.

Fir-raba sakui.

Jinzara— Il kara aħmar, il cromb pastard, il bzar aħmar.

Jitgharras— Il Habak, il kara tuil.

Jinkala – Ir-rius tat-teum.

Il ħxejjex li inzerghou ix-xaħar l'ieħor iridu cura cbira biex tinducraghom mil bebbux u dud ieħor, ghal l'inkas sa chemm jisseħħu seuua. Xitel tal kara, tadam, bzar, ħass, pastard tas-saif, caboċċi jistau jitħaulu.

—

Jecc ghadec ma ghazaktċ ma dzar issiġar tal laring fittex ghazak kabel l'aħħar ta dan, u neħħi min maħħom xi ħaxix li jista icun hemm, chemm tajjeb jeu ħazin.

Ghal babta ta dan ix-xaħar siġar zghar tal-laring jistghou jitkanklu minghair biza, jecc it-temp hu xott frighei tas-siġar tat-tin jec milhomx imħaula, ghandom jissakkeu.

Jecc trakkad frieghei tad-duieli issa, ixenxlu f'inkas min xaħar, u dan hu l'aħiar mod li tlesti pianti biex jitħaulu fix-xitua, basta jitrakdu fl'art biex ma ituc ebda taħbit iħor ħlief dac li issakkeghom xi darbtejn.

Fiuri—Izra il fiuri collha tas-saif kabel il 15 ta dan. Izra id-dalji (zerrigha).

Tinsiex li tiskija bil famus demel artificiali Nitrat tas Soda tac-Chili, jghein chemm ħxejjex chif ucoll fiuri.

—

## MEJJU.

(Ix-Xaħar tal Hsad.)

*Temperatura bejjenija 64.8. grandi F.*

PROVERBI.

Mejju ħobs u sicchina—ghax min collox jibda itina.

Mejju il mirjeħ deni stenna biħ.

Jizhar—Iz-zinzel, il basal, il ghosfor, id-dilia, ir rignu, il baitar tax-xeuc, il cappar, il pumacannella.

Isajjar—Ix-xghir, il fazola, il-leuz, il cromb, il berkuk, ic-cicarda, ic-cirasa, il chemmun, il ħair, it-tuffieħ tadam, il kara tuil, ic-cicri, il cosbor.

Xoghol tal Bdieua fir-raba ħauli.

Jinzara—Il koton fir-raba tafli.

Jingiama - Il chemmun.

Jinħasad—Ix-xghir.

Jindires—Ix-xghir.

F'ir-raba sakui u fil gionna.

Jitgharras—Il bringiel, il bzar, il ħabak il kara francis.

Tirmonda—Id-dilia.

Jinghazku—L'agrumi.

M'hemmx tant x'tghamel f'dan ix-xaħar ħlief li tghokod attent ghax-xitel tal ħettieħ, ħiar, tadam ecc. li takla min maħħom il ħaxix ħazin u 't tighom dakxejn cubrit biex ma jimirdux.

Fittex u akla il budibus u aħarku biex iz-zerrigha tiegħeu ma tixxerrido.

Ghall'aħħar ta Mejju tista ix-xettel Frauli.

Demmel l'articioq u tieħ l'ilma fl'imchien ma 7 libbri u nofs Nitrat tas Soda fuk cull sieħ raba.

Laring, Mandurina, Lumi u Sigar oħra tal Agrumi ghandhom jigu imdemmla u mghotija nofs ratal Nitrat tas-Soda tac-Cili ghall cull sigra, fil conca mattiskija, sigar zghar ħafna jeu taħuil ġdid jinħtigilhom ftit inkas.

Ghati il cubrit l'id duieli, inchella l'Esa Champion Mildew Eradicator (Jinxtara fi flixchen) Sakki is-siġar tan-naspli. Issa tista tibda tisbor is-Siġar tal-laring. Siġar li milhomx imħaula ghandhom jissakkeu biex tiffurzaghom. Is-sigar tal langias, u frott irkiek jecc jigu imsokkija issa jatu frott isbaħ u il frieghi ectar b'saħħithom; *Katt la issakki* siġar tal

frott li icunu biz-żghar inchella iuakkghou il fiuri u ma jghamlux frott.

*Fiuri:* Ftit hemm xtghamel f'dan ix-xahar ħlief titghaxxak bil fiuri u ħueijeg oħra li tieħu jech inti gharaft tcabbarhom. "Ghara x'differenza mill'oħrain" jghaidulec ħxeijex u fiuri imdemmla b'in Nitrat tas-Soda! Il bidui u 'd delettant li uża in-Nitrat taraħ daħkan u cuntent.

Il Geranji fil ksari ghandhom jitkgħedu fid-dell, inchella ix-xemx tgharrak il culur tal fiuri.

Xettel mil bceijec il Petunji doppji, u rakkad bceijec tal kronfol.

Il Kronfol m'ghandomx jintħalleu f'xemx kauuija, inchella il kasrija ticui u'l pianta tmut.

Rakkad frighi ta Stefanotis, Gisimin, Ipomea, Bignonia ecc.

Ghal bidu ta dan ix-xaħar xettel id-dalji imcabbra miz-zerrigħa, u tista tieħu bceijec ucoll. Id-dalji miz-zerrigha u mil bceijec jeħdu taijeb u jghamlu fiuri fl'euuel sena.

— —

## GIUNJU.

(Ix-Xahar tad-Dries.)

*Temperatura bejjenija 71.2. gradi F.*

PROVERBI.

L'Andar bil ħażel cbar—jati l'in-nies u 'l ħmar.

Riħ ta sigħa - inaddaf kigħa.

Tgħeidx tighec il ħleuua kabel ma tcun geuua.

L'Agricoltura tad-dinja ticconsma ma duar il 3,259.000 tunnellata Nitrat tas-Soda fis-sena. Dan hu bizzeijed biex juri chemm hu imfittex mad-dinja in-Nitrat.

*Dac li iidher u isir fil biedia.*

Traħħas—In-naspli.

Tizhar—Il ħleuua, il mertkux, il ghambakar, iz-zinzel, ir-rignu.

Issjar—L'amarena ic-cirasa, il kamħ, il pitravi, il baitar ta San Guan, it-tin, id-dulli̇eħ, il langias, il ħleuua.

Xoghol tal Bdieua fir-raba ħauli.

Jitħauuel—Il Pastard kalb il koton u'l bħiara.

Jitnakka Il koton.

Jinħasad—Il kamħ.

Jindires—Il kamħ.

Jinkala—Ir-rius tal basal, u il patata.

F'ir-raba sakui u fil gionna

Jinzara—It-tut, il currat.

Jiddaccar—It tin.

Jinzabar—L'agrumi.

Jitlakkam—L'agrumi.

Jissakkeu—L'agrumi.

Jingiabar Il fosdok tad-dud tal ħarir, u il buttuni tal cappar.

Il Hiar, Tadam u Kara issa bil frott. Il-Bettieħ u Dullieħ collhu bil fiur u icunlec ta gid cbir jecc ittighom il cubrit biex ma jimirdux. Il fasola collha bil fiur u jenħtigila bosta ilma biex tisseħħ.

Pastard imuaħħra, Cabocci, Gidra, Asparagi, ħxejjex tas-saif u tal ħarifa u anche Basal tar-rebbigha iridu l'ilma u ftit Nitrat tas-Soda.

Uara il ħmistax ta dan ix-xaħar tista tlesti ħmiemel u tizra fighom Hass, Cabocci, Pastard, Gidra ecc. biex tieħu prodotti fil Harifa u ix-Xitua.

Izbor is sigar tal laring u sakkighom. It-tiskija ghanda issir cull ħmistax jeu tliet gimghat scond il qualità tal ħamrija. Ghall'euuel tanc is-sakki il laring imbghad zid uara. Jecc is-sakki il-langias, iħalsuc tat-taħbit li tieħu ghax jaghmlu frott id-doppiu u aħjar.

Sigiar tat-Tin, Rummien, Zebbug u Leuz li ghadom chemm geu imħaula, iridu tiskija sal bidu ta Auissu.

*Fiuri:* Xettel il fiuri collha tas-Saif. Jech daun tħallihom uisk fil hammieli jissebblu u ma icunu jisueu ghal xejn. Demmel id-dalji b'nofs ukija Nitrat tas-Soda f'cull gallun ilma darba fil gimgha.

Ghokod attent mil Afidi li f'dan ix-xahar imiss lil bosta pianti tal Uard, Crisanthemi ecc; daun ghandhom jigiu imbixxa bl'Esa Champion Insecticide scond m'hu imfisser fuk il flixchun.

Malli jidru il blanzuni fil Crisanthemi, ibda tighom in-Nitrat tas-Soda.

—

### LULJU.

Ix-xahar tal Ghomma,

*Temperatura bejjenija 76.8. gradi F.*

PROVERBI.

Is-saif jghamel tieghu—mseichen min ma icollux frott min tieghu.

Il koton ma jibzax mix-xemx kauuija Jibza mic-cpar bosta u mit-tnidc ja.

Cull min jipprova in-Nitrat tas-Soda darba u juzah tajjeb, jibka juzah dejjem; ghax isib li in-Nitrat jimmoltiplica il prodotti u jati klieh cbir lil Bdieua.

*Dac li jidher u isir fil biedia.*

Trahhas—Il laring, is-sebuka, ir-rand, iz-zebbug, in-naghanieh, il harrul

Jizhar—Il kamh ir-rum, il giolglieu, il koton.

Isajjar - Il hittieh, il langias, it-tuffieh ta Billudia, il ghanbakar, il brungiel, il basal, il baitar tax-xeuc, il bzar ahdar, ic-ciprisch, it-tin tal baitar, l'inscia.

Jinza—Il leuz.

Xoghol tal Bdieua fir-raba hauli.

Jingiabar—Il hleuua.

Tinkala—Il pitravi

Jindires - Il kamh.

Tinzara Il uidna, is-silla.

Fir-raba sakui u fil gionna

Jinzara - Il gidra, il cabocci, il pastard, buzbiez, currat, neveu, Zunnarija, Broccoli u hass.

Jingema—Il-leuz.

Jinkata —Ix-xehd tan-nahal.

Izra il hxeijex tal Harifa u tax-xitua biex tcun tista ix-xettilhom ix-xahar iddiehel.

La thallix minghair tiskija il Hiar, Kara, Dullieh, Tadam, Bzar, ecc, jecc tridhom icomplu jaghmlu il frott.

Sigiar tal Frott irkiek ghandom jigiu imsokkia cull hmistax sa l'20 ta Auissu. imbghad ma icollomx bzonn ilma izied, hlief il langias tax-xitua.

*Fiuri*: Il Fiuri tas-saif ghandhom jithaulu f'posthom mill'ictar fis m'hux izied tard mil 10 ta dan ix-xahar. L'ilma ghandu jintata chif imiss biex jicbru seuua. Izra il Gizi. La is-sakkix il kronfol meta icunu fix-xemx, l'enkas ghandec thallikom fiddell uisk. Id dalji ghandhom jissakkeu darba iva u ohra lè u jinhtieg li tonkoxhom l'ghada (filghodu) li ittihom ilma. Din it-tinkixa hi mehtiega daks l'ilma stess.

### AUISSU.

(Ix-Xahar tal Frott.)

*Temperatura bejjenija 77.9. gradi F.*

PROVERBI.

Ix-xahar t'Auissu—Is-signur u'l fkir ihossu.

Sema nakxiet il fecruna—Jeu xita bil kliel, jeu rieh fortuna.

Auissu ix xemx taharku — U 'x-Xita tmissu.

Mita fis saif tberrak it-tramuntana—jeu xita kauuija stenna jeu cbira shana.

Mita il Ghansar jaghamel uard f'Auissu, ix-xita tcun bicrija.

*Dac li jidher u isir fir-raba.*

Trahhas—Ir-rignu, il kakocc, li xeomp.

Jizhar—Il ghansar, il banana.

Issajjar—Il hauh, il gheneb, il kara francis, il gelleus il bzar ahdar, il kamh ir-rum, il harrub, il koton.

Jinza It-tin.

Xoghol tal bdieua fir-raba hauli,

Jitkacciat—Il koton.

Jithauuel—Il patata tax-xitua bil patata ta Malta, Cabocci, Pastard, Gidra tadam u crafes ghal harifa.

Jibda il klib tar-raba

F'ir-raba sakui u gionna.

Jissakka—Ir-rommien.

Jinzara—Il basal, il figel, il gidra, indivia, hass, Currat neveu, scorzonera, Tursin, Broccli, Cabocci, Brussels-sprouts, Carduni, Pitravi u Pastard imuahhar,

*Fiuri*: Il giardinar jeu delettant icollu bizzeijed x'jghamel dan ix-xahar bit tiskija. Minghair ilma l'isbah gnien jispiccia fix-xejn. Ghattent ghal mess tal pianti mill insetti u mil funghi, u zommhom imbexxa biex ma jimtessux.

Izra Calceolaria, Cineraria, Primula u Salpiglossis f'caxxi jeu platti taz-zerrigha u poggihom fil chenn.

### SETTEMBRU.

Ix-Xahar ta Gmieh il Gheneb.

*Temperatura bejjenia 74.7. gradi F.*

PROVERBI.

Il kamar ta Settembru—igib sebgha uaraih bhalu.

It-tilkit tal koton ta San Michiel—Jidħol bħall'ieħor fil miziem.

Settembru ser jatina—is sala fil cantina.

*Dac li jidher u isir fil biedia.*

Traħħas—Il palma, il basal, ir rand.

Tizgħar—Il kasba, l'agave, il gelleus.

Is-sajjar—Iz-zinzell, il geus, il kamħ isfar, il bergamott, ic-cidrat, il ħabak, il giolglien, il cappar, il għansar.

Jinza—It-tin.

Xogħol tal Bdieua fir-raba ħauli.

Taħrad u id-demmel ir-raba taz-zrieħ.

Tinzara—Is-silla, il uidna, il giolbiena, ix-xgħir, it-teum.

Tithauuel—Il patata tax-xitua, il baitar tax-xeuc.

Titgħarras—Il gidra, il fiuri, il caboċċi.

Jingiama—Il giolglien, li mzieuet tal kamħ ir-rum, il bittieħ tax-xitua.

Jinħasad—Il uerak tat tin.

F'ir-raba sakui u fil gionna.

Jinzara—Il Crafes, it-tuffieħ tadam, l'Indivia, il Figel, il Hass, il Basal, il Kakoċċ, Parsnip, Ravanell, Neveu, Scorzonera, Rubarbru, Ciqueira, Currat, Tursin Ħxeijex tal Ħuauar.

Jitħauuel—Il basal taz-zafran.

Jingiabru—L'agrumi.

Jitlakkmu—L'agrumi u ir-rommien.

Jinkata—Il kara francis misiur, u jitkighed f'ix-xemx.

Xettel tadam f'post chenni.

Demmel u sakki l'Articioq.

L'euuel xita iggigħel il koxra tal Geuz tinkasam u titeħemmex, u 'l Geuza taka. Irrummien jibda isir għal ħabta ta l'aħħar ta dan.

Jecc fi ħsiebec tħauuel xi Siġar tal Frott fix-xitua, lesti il ħofra, mn'issa u ħalligħa hecc esposta għall'aria. Għati quantità ta ilma l'is-siġar tal larinġ, izda m'hux hecc spiss bħal kabel. Uara li tiġbor il frott, is sigiar tal langias għandom jigu imsokkija inchella l'euuel xita tal ħarifa igiagħla tgħamel il fiuri bi ħsara cbira għal frott ta stagiun jeħor.

In-Naspli daluakt toħroġ fiuri u m'għandiex tidħalla mingħair tiskija. Ftit Nitrat tas-Soda (Nofs libbra għall cul siġra) jgħamilla gid cbir.

*Fiuri*: Attenzioni cbira jinħtieġ għal Crisanthemi. In-Nitrat tas-Soda għandu jintgħata mgħarfa mimlija f'cull gallun ilma (4 mgħaref f'landa tal pitroliu) Aħsel il pianti bil fuied tal cubrit (Potassium Sulphide).

Izra malair ic-Cineraria, Calceolaria, u Salpiglossis. Min 15 tax-xaħar il kuddiem izra: Sweet Peas, Pensieri, Gaillardia, Coreopsis, Centaurea: Crepis, Delfiniu, Clarkia, Lobelia, Papavru, Mimulus, Aquilegia, Scabiosa, Alonsoa, Calendula Papocci, Reseda, Verbena, u'l fiuri l'oħra collha ta b ejju.

Xettel basal tal Giacinti, Narcis, Tulipani, Frisi, ecc.

---

## OTTUBRU

(Ix-Xaħar tal Mizirgħa).

*Temperatura bejjenija 69.9. gradi F.*

PROVERBI.

Iz-zrieħ bieri, tista tieri—Għall'imuaħħar icolloc tbaħħar.

Mita jasal San Xmun—izra, niexef jeu miblul.

Izragħ fit-tieb u fil uakt—biex ma jibdielec katt.

Uara il berak—Jigi il merak.

*Dac li jidher u isir fil biedia*

Traħħas—It-teum, il għansar, iz-zafran, il frauli.

Jizħar—Il ħarrub, il bisbies, in-naspla.

Issajjar—Id-dilia, iz-zebbug, ir-rommien, il-langias, ir-rand, il pumacannella, il pistaċċi, iz zorba, li sfargel.

Jinza—Il ħauħ, il fargel, il langias, ittoffieħ ta Billudia, il geuż, il berkuk, izzinzel, iz-zorba.

Xogħol ta Bdieua f'ir-raba ħauli.

Taħrad u id-demmel ir-raba.

Jinzara—Ix-xgħir, il giolbiena, il piselli, ic-cicciarda, il ful.

Jitħauuel—It-tuffieħ Tadam, il cromb tal Gidra, il Basal, Crafes, Currat, Carduni, Indivia, Hass Pastard u Broccli.

F'ir-raba sakui u fil Gionna

Tinzara—Il Bkaila, Neveu, Spinaci, Pitravi, Caroti, Ciqueira, Tursin, Parsnip, Ravanell, Scorzonera, Piselli u Ful.

Jitħauuel—Iz-zebbug, li spraġ, il kakoċċ

Jinkala—Il currat.

Jinkata - Il cannamieli il kara francis.

Demmel is-siġar tal frott.

*Fiuri*: Izra il fiuri collha i nsemmija ghal Settembru.

Hauuel basal tal Giacinti, Tulipani, Crocus, Allium, Frisi, Narcis. Galtonia, ecc, u gladioli bicrija, Hauuel ucoll l'gheruk (*basal*) tal Eremurus. Anemoni, Ranunculi, Ciclami, Lily, ecc.

Hu bċeijec tal Kronfol, Geranji, Pelargonji, ecc.

Tirkid tal Kronfol, u Uard tista taktaħħom min m'ommhom u ix xettilhom ghalihom.

Il uard tista takalau u thaulu band oħra.

*In-Nitrat tas-Soda tac-Cili (li hu dejjem kiesu melħ) jaghmel gid cbir lil ghelejjel collha, chif ucoll lil Fiuri u Siġar tal frott. Minghair Nitrat ma jistaux jicbrù jeu jigiu il kuddiem chif imisshom!*

---

## NOVEMBRU.

(Ix-Xahar ta L'Inzieħ il Uerak)

*Temperatura bejjenia gradi 62.2. F.*

PROVERBI.

Meta jasal San Nannard—izragħ f'coll art.

Is saif ta San Martin—il biedia tifraħ bieħ.

Il kamħ ta Santa Catarina—it-tiben u't tgħam jatina.

*Dac li jidher u isir fil biedia.*

Tinkala Il Patata tax xitua.

Traħħas—In naspla.

Jizghar—Il pastard, kakoċċ, iz-zafran.

Isajjar—Il fom il lip.

Tinza—Id-dilia, ir-rommien, pumacannella, is-sebuka,

Xoghol tal Bdieua f'ir-raba hauli.

Jinzara—Il ghosfor, ix-xghir, il kamħ maijorchin.

Jitħauuel—Il basal, il patata tax-xitua.

Jinkata—Il bisbies.

F'ir-raba sakui u f'il gionna.

Tinzara—Iz-zunnaria, ħxejjex tar-Rebbigha, Pastard, Cabocci, Broccli, u Gidra. Tista ucoll tizra Neveu, Ravanell, Crafes, Caroti u Parsnip ghal imuaħħar.

Jitħauuel—Il Cabocci.

Issa hu iz-zmien li uieħed jordna min barra siġar tal frott biex jitħaulu f Jannar jeu Frar.

*Fiuri*: Il Fiuri tar-rebbigha ghandhom jix-xettlu collha.

Tista takleb min kasrija għall'oħra: Camelji, Azaleii, Gardenji, u Rododendron.

Jeċħ il ħamrija m'hix inxarba għakleb ghal post taħħom is-Sweet Peas li geu mizruha fil ksari.

---

## DICEMBRU

Ix-xahar tax-xita.

*Temperatura bejjenija 56.2. gradi F.*

PROVERBI.

It-tomnia ta disa tijem aħiar mill'oħra bix-xita fit-tmiem.

Il Milied bil cappell, u il għeid bil mantar.

In-nies tiecol tajjeb, u il bhejjem icolla x'tixtar.

*Dac li jidher u isir fil biedia*

Traħħas—Il busbies

Issajjar—Il lumi laring, il mandurina

Tinza Ic-cirasa, il pistacci, il cappar, il koton.

Xoghol tal Bdieua f'ir-raba hauli.

Tinzara—It tomnija. Jitħauuel — Il basal, it-tin.

F'ir-raba sakui u fil gionna.

Jinzara il leuz, il bkaila. Ghal ħabta ta l'aħħar ta dan izra il Bzar, Tadam, Bamia u ħxejjex oħra bicrija tas-saif f ħammiela imdemmla b'demel *dakxejn* iffermentat, f'post chenni u xemxi.

Jitħauuel Il ħauħ, il ghambakar, id-dilia, it toffieħ ta Belludia, il frauli.

Jitlakkam—Il berkuk, il ghambakar, ic-ciprisc, fuk il prain, il-langias fuk il sfargel, id dilia fuk id-dilia americana.

Tinzabar—Id dilia, tin, tuffieħ u sigar oħra li ibiddlu il uerak.

Jinghalef in-Naħal

Haùùel bċejjec tad-duieli, tin tuffieħ, ecc.

---

*Fiuri*: Il Uard jista jitħauuel, jitkalleb, jinzabar u jiddemmel.

Gherfa mill'art il basal tad dalji u tat-tuberosi.







IL FAMUS DEMEL ARTIFICIALI

# Nitrat tas-Soda

**TAC-CHILÌ**

Jinxtara min ghand:

| | |
|---|---|
| G. M. BUGEJA & Co. | 25, Strada Forni, *il Belt* (ħdejn il Cnisia ta S. Uistin) |
| CARMELO VELLA | Vicolo Fauuara, *Sliema* |
| MICHELE MIFSUD | 62, Sda. S. Vincenzo, *Sliema* |
| THE GENERAL BAZAAR | 17, Piazza Paula, *C. Paula* |
| P. MIZZI (AGIUS) & SON | 13, Sda. Sta. Margherita, *Bormla* |
| FEDELE SPITERI | 23, Sda. Reale, *Gudia* |
| A. ABELA | 7, Sda. Reale, *C. Dingli* |
| S. MIFSUD | 134, Via Congr. Eucaristico, *Musta* |
| GIUSEPPE MUSCAT | 378, Sda. Reale, *C. Curmi* |
| GIO. BATTA SAMMUT | 115. Vallone, *Birchircara* |
| ANTONIO FARRUGIA | 56, Sda. S. Angelo, *Zeitun* |
| GIOV. MUSCAT | 26, Sda. Reale, *S. Paolo a mare* |
| FRANCESCO GRECH | 36, Strada Vecchia Doni, *Rabato.* |

*N.B.—Nitrat tas-Soda icun kiesu melħ,* **katt ma icun trab.**

Ghal cull ma tcun trid taf icteb lil jeu mur ghand:

THE CHILEAN NITRATE COMMITTEE

mnejn hu maħruġ dan il periodicu.

# IN-NITRAT TAS-SODA TAL CHILÌ

## CHIF U CHEMM TGHATI NITRAT TAS-SODA TAL CHILI

**Patata**—Min 3 sa 5 uiżniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba tliet tijem uara iz-zrieħ; min 3 sa ħames uiżniet oħra kabel l'inkix.

**Il Kamħ u Mahlut**—Min 4 sa 6 uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba uara li jinbet u kabel ma jitghadda bix-xatba jeu jitnakka bil lex-xuna. In-Nitrat tas-Soda hù uisk meħtieg ghal kamħ.

**Ix-Xghir**—Min 3 sa 4 uiżniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba' chif fissirina ghal kamħ.

**Il Kambirrum:**—Uizintejn Nitrat tas-Soda maż-żrieħ, 3 uizniet oħra ma l-mghodija.

**Il Ful, U-Legumi collha:**—3 uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba ma l'euuel mghodija.

**Basal, Pitravi, Zunnarija, Neveu, u Gheruk oħra:**—5 Uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba ma l-mghodija.

**Kakocc:**—Min 3 sa 5 uizniet cull tomna mita icun ghadu zgheir.

**Cabocci Hass, Indivia, Spinaci, Gidra, Brussels-Sprouts, Pastard u Gheleijel oħra tas-sakui:**—Duan jigiu uisk il kuddiem mita jissakkeu b'in-Nitrat tas-Soda xi ftit granet uara li jinbtu—2 mgharef Nitrat f'cull landa tal pitrolju, imbghad ghati uara l'euuel xita jeu ma l'inkix, 5 uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba, u ergia ghati xi 3 uizniet oħra xahar uara.

**Tuffieħ Tadam:**—2 imgharef f'cull landa tal pitroliu ma l'ilma, issakki bieħ meta tcun ix-xitla gholia 4 pulzieri mill'art. Ergia sakki bl'istess dosa gimgha uara. *Dan ilżħħak ix-xitla bicri.* Malli il pianta tibda tghakkad il frott ergia sakki bli stess dosa, 2 imgharef f'cull landa tal pitroliu, darba cull tmien tijem ghal tliet gimghat jeu xahar.

**Kara Tuil:**—Nofs ukija Nitrat tas-Soda f'cull gallun ilma darba fil gimgha, malli jibda jifforma il kargha.

**Id-Duili:**—F'Jannar ghati ma duar cull sigra, daks pied boghod miz-zocc, mimli zeug imgharef Nitrat tas-Soda, ergia ghati li stess dosa ghal ħabta ta Marzu, sakki cull darba uara in-Nitrat jech ma tghamilx xita.

**Il Banana:**—L'aħjar risultati it-tieħdu mita intghata 4 imgharef Nitrat tas-Soda cull xaharejn, jeu 2 imgharef cull xahar.

**Laring, Lumi, Mandurina u Sigiar oħra tal Agrumi:**—Ghal daun, in-Nitrat tas-Soda hu meħtieġ uisk. Daun ghandhom jigiu mghotija nofs ratal ghal cull siġra fil conca mat-tiskija *Cull sena.* Siġar zghar ħafna jeu taħuil ġdid iridu inkas.

**Sigiar tal frott irkiek:**—Fi ħruġ ix-xitua, kabel mas-sigiar iraħħsu jeu jizgharu ratlein Nitrat tas-Soda f'sieħ raba. Id-doza ghal cull siġra tid-dependi mid-daks, post u qualita ta siġra li tcun. Siġar iffullati iridu izied.